4



# MADONNA TA' PINU

**MADONNA TA' PINU**

perjodiku ta' kull tlett xhur

Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba mhumiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.

---

Kull korrispondenza għandha tkun indirizzata hekk:

L-Editur,
"Madonna Ta' Pinu"
Ċentru Kulturali Marjan
Ta' Pinu, Għawdex.
Nru. tat-Tel: 556187

---

**Abbonament għal sena**

Lokali: 60c
Sostenitur: £M1.

Barra minn Malta: £M1.
Sostenitur: £M2.

**INTENZJONI TA' DIN IL-ĦARĠA**

Biex l-inkapaċitati u l-morda jsibu għajnuna u faraġ spiritwali f'dan il-qari.

Gozo Press.

SENA II — Nru. 6

**April — Ġunju 1981.**

---

**F'DIN IL-ĦARĠA:**


* Il-Kelma tar-Rettur 161
* Franġisk Portelli u x-xhieda tiegħu 162
* Marija u l-Knisja 165
* Kronoka tas-Santwarju 169
* Grazzi Madonna għax Smajtni 172
* Patri Manwel Abela 173
* Impressjonijiet dwar Ta' Pinu 174
* Il-Verġni Marija fil-Maġisteru tal-Papa Ġwanni Pawlu II 176
* Sant' Antnin ta' Padova u l-Madonna 180
* Is-Santwarju Ta' Pinu f'għeluq il-50 sena mill-Konsagrazzjoni 182
* Hail Mary 183
* Tħejjija għaċ-Ċentinarju tad-Dehra 184
* Traduzzjoni tal-Ittra mibgħuta mill-Konferenza Episkopali Maltija lill-Q. T. l-Papa G. Pawlu II 185
* Festi Marjani fil-Kalendarju Liturġiku matul iż-żminijiet (5) 186
* L-Angelus f'Nazzaret 187
* Appostlu tar-Rużarju fi żmienna 188
* The Blessed Virgin Conpared to the Air we Breathe 190
* Kliem Profetiku tal-Papa Piju XII 192


---

**STAMPA TAL-QOXRA:**

L-Istampa tal-qoxra turi l-Kwadru Mirakuluż li minnu l Madonna ta' Pinu kellmet lit twajba Karmela Grima fit-22 ta' Ġunju, 1883. Dan il-kwadru, xogħol il-pittur Amadeo Perugino, tpitter fis-sena 1619. Din ix-xbieha tal-Madonna ġiet inkurunata mill-Kardinal Alessio Lepicier fil-1935.

# Il-Kelma tar-Rettur

*Wara ċ-ċelebrazzjoni tat-tifkira tat-twelid ta' Sidna Ġesù, il-Knisja tistedinna biex niċċelebraw ukoll it-tifkira tal-mewt tiegħu, ħalli b'hekk aħna aktar nagħrfu l-kobor tal-imħabba tiegħu, naħsbu aktar fuq it-tbatija li sofra għalina u napprezzaw aktar il-mezzi li ħallielna sabiex bihom naslu għas-salvazzjoni tagħna.*

*Meta aħna nġibu quddiem għajnejna l-aħħar mumenti tal-ħajja ta' Sidna Ġesù waqt li kien imdendel fuq is-Salib, moħħna jmur minnufih f'dak li qal lil ommu Marija, "Mara, ara ibnek."..."Ara ommok."*

*Ġesù kellem lil Ommu u talabha biex tieħu bħala binha* **lill-maħbub** *tiegħu, lil Ġovanni, li dak il-waqt kien qiegħed jirrappreżenta lil dawk kollha li aktar il-quddiem kellhom jgħarfu lil Ġesù bħala Sidhom, bħala feddej tagħhom, bħala ħuhom fil-wirt tat-tgawdija ta' dejjem. X'rigal isbaħ u aqwa seta' jagħti Ġesù lil Ġovanni u lilna? Huwa kien jaf sa fejn tasal l-imħabba ta' Ommu, kemm tieħu bis-serjetà l-kmand jew talba tiegħu u fl-istess ħin kemm il-bnedmin kienu jeħtieġu għajnuna biex jikkumbattu dak kollu li seta' jbegħedhom minnu.*

*Ġovanni kien id-dixxiplu li Ġesù ħabb, imma kien dak li Omm Ġesù ħabbet ukoll.*

*U l-missjoni li Ġesù ħalla f'idejn Marija waqt li kien qiegħed jieħu l-aħħar nifs ta' ħajtu, hija wettqitha mhux biss mal-maħbub Ġovnni, iżda kompliet twettaqha ma' dawk kollha li bħal Ġovanni ħabbew lil binha kif ukoll lilha.*

*Għall-grazzja t'Alla, lilna wlied il-gżejjer Maltin, li mill-bidu nett ħabbejna lil Ġesù u lil Ommu permezz ta' dak li għallem lil missirijietna l-kbir Appostlu Pawlu, Marija wkoll ħaditna taħt il-mant tagħha, ħarsitna u ddefenditna minn tant u tant hemm. Anzi lilna ħabbitna b'mod partikulari, għaliex barra mill-għajnuna li tatna mal-medda tas-snin, għoġobha ssemmagħlna leħinha fil-kappella ċkejkna tagħha Ta' Pinu.*

*Induru mela dejjem lejn Marija fil-bżonnijiet tagħna u b'mod speċjali bħalissa, meta d-dinja tinsab imhedda minn mewġa ta' ħażen u biża' hekk kbira u nitolbuha biex dejjem issaħħaħ fina l-fidi, it-tama u l-imħabba.*

*Inżommu dejjem quddiem għajnejna l-kelmiet li lissen il-Papa Ġovanni Pawlu lil dawk kollha li jinsabu batuti u fil-bżonn, "L-Imqaddsa Ommna hija qrib tagħkom, bħalma kienet qrib Ġesù f'riġlejn is-Salib u qatt ma tħallikom waħidkom."*

# Franġisk Portelli u x-xhieda tiegħu

Il-familja Portelli, li llum fl-Għarb tgħodd ħafna dixxendenti, hija mnissla min-Nadur. Minn hemm telaq Salvu Portelli, missier ta' għaxar ulied u mar joqgħod l-Għarb sabiex ikun jista' jwettaq l-impjieg li kellu bħala għassies tal-fanali ta' Ġurdan u ta' Dbieġi. Dan ix-xogħol, imbagħad kompla jagħmlu wieħed minn uliedu li kien jismu Karmnu. Salvu kien jaħdem ukoll ta' ħaddied u kellu xi biċtejn raba f'idejh li kien jaħdimhom bil-għajnuna ta' martu Ċensa mwielda Caruana u tat-tfal tiegħu subien u bniet.

Franġisk twieled fis-6 ta' Ottubru, 1850. L-għada rċieva l-Magħmudija minn idejn l-Arċipriet Dun Salv Mizzi fil-knisja tal-Għarb u kellu bħala parrinijiet tiegħu lil Mikiel Anġlu Apap u Marija Portelli. Iż-żewġ ismijiet l-oħra li tawh il-parrinijiet kienu Pawlu u Benjaminu. (25)

Tfulitu u żogħżitu, Franġisk għaddihom bħat-tfal u ż-żgħażagħ l-oħra tar-raħal. Iffrekwenta l-iskola għal xi żmien fejn tgħallem jaqra u jikteb. Ġie li kien igħin lil ħutu fil-ħanut tal-ħaddied, iżda ma tgħallimx din is-sengħa. Ix-xogħol tiegħu kien li jrabbi xi bhejjem u jagħżaq fil-għelieqi tal-familja tiegħu.

Fuq ir-rabta li kien hemm bejn Franġisk u s-santwarju ta' Pinu, nitkellmu iktar 'il quddiem. Ta' min isemmi iżda, li huwa kellu qima mħeġġa lejn il-Verġni Marija, qima li tnisslet fih sa minn ċkunitu. Difatti fil-familja tiegħu, mhux biss kien hemm id-drawwa li jingħad ir-Rużarju ta' kuljum, iżda wkoll kull kwarta, jiġifieri kull xħin idoqq l-arloġġ, anke jekk ikunu fuq ix-xogħol jew fil-faċendi, kienu jieqfu mill-konversazzjoni tagħhom u jirreċitaw Sliema u Qaddisa bil-ġakulatorja, "O Marija li dħalt fid-dinja mingħajr tebgħa, aqlagħlna l-grazzja li noħorġu minnha mingħajr ħtija." Din id-drawwa Franġisk baqa' jwettaqha sa l-aħħar ta' ħajtu.

Meta sar żagħżugħ, Franġisk, flimkien ma' ħutu subien Nikol, Karmnu u Nardu nkitbu mat-terzjarji tal-Kapuċċini u fir-raba' Ħadd ta' kull xahar kienu jmorru fil-knisja li dawn il-Patrijiet għandhom fir-Rabat, Għawdex, u hemm jisimgħu l-Quddiesa u jgħidu t-talb preskritt mir-regola tat-Terz Ordni.

Barra minn din il-laqgħa ta' kull xahar, it-Terzjarji Franġiskani għandhom dmirijiet spiritwali oħra. Franġisk kien iwettaq b'reqqa kbira dawn id-dmirijiet u sab fihom għajnuna kbira sabiex tissaħħaħ il-ħajja nisranija tiegħu. It-terzjarji obbligati jirreċitaw ta' kuljum l-Uffiċċju jew xi talb ieħor; (b) dawk li jkunu jistgħu, għandhom jassistu ta' kuljum għall-Quddiesa; (c) kull xahar jersqu għas-sagramenti tal-Qrar u tat-Tqarbin; (d) jagħmlu ta' kull fil-għaxija l-eżami tal-kuxjenza u jekk isibu xi ħtija jindmu minnha u jirranġaw l-iżball; (e) qabel u wara l-ikel, isejħu bit-talb lill-Mulej u jroddulu ħajr. (26)

*Franġisk Portelli twieled fis-6 ta' Ottubru, 1850. Miet fl-4 ta' Frar, 1926. Ġie midfun fil-Knisja Arcipretali tal-Għarb. Fid-19 ta' Marzu, 1976, il-fdalijiet tiegħu ġew meħuda fis-Santwarju Ta' Pinu u midfunin fil-kappella tal-Kunċizzjoni.*



**Franġisk Portelli**

Nistgħu ngħidu li Franġisk Portelli kien xhieda ta' l-ewwel fejqan reġistrat fil-kronaka tas-Santwarju, fejqan li kien il-bidu ta' sensiela twila ta' grazzji li ġew maqlugħa bl-interċessjoni tal-Madonna ta' Pinu. Dan il-fejqan straordinarju ta' ommu Ċensa Portelli ġara f'Ottubru tal-1886. Peress li din ix-xwejħa, minħabba marda tal-qalb kienet waslet f'xifer il-qabar, uliedha Franġisk, Nikola u Nardu marru jżuru l-kappella ta' Pinu, u wara li qalu r-Rużarju għall-fejqan ta' ommhom, għamlu wegħda li jekk tfieq, huma jdendlu lampier quddiem ix-xbieha tal-Madonna u li kull meta jkunu jistgħu joffru ż-żejt biex iżommuh mixgħul. L-għada ommhom bdiet ġejja għat-

tajjeb u wara ftit taż-żmien qamet mis-sodda u rnexxielha tgħix għal sentejn u nofs oħra. (27)

Wara din il-grazzja li qalgħu, Franġisk u ħutu baqgħu dejjem jinteressaw ruħhom mill-kappella ta' Pinu u fost l-oħrajn xtrawlha xi gandlieri u tvalji ġodda għall-artal. Franġisk, imbgħad, tul ħajtu kollha kien jinqeda b'kull okkażjoni biex iqanqal id-devozzjoni tal-oħrajn lejn il-Madonna u f'din il-ħimda kienet tikkollabora miegħu Karmni Grima. Fil-festi prinċipali tal-Madonna, kienu jorganizzaw bħal funzjoni żgħira, daqqa fid-dar ta' wieħed u daqqa fid-dar tal-oħra u għaliha kienu jistiednu xi persuni devoti ta' Sidtna Marija, xi drabi wkoll xi saċerdot. (28)

Franġisk miet fl-4 ta' Frar, 1926 (fis-6.00 a.m.) fid-dar tal-familja li kienet tinsab fir-raħal tal-Għarb, fin-naħa msemmija l-Fgura. Meta kien fl-aħħar marda tiegħu, qarr u rċieva l-Vjatku Mqaddes b'qima kbira. Kellu jassistuh fost qassisin oħra lin-nepputijiet tiegħu, il-Kanoniċi Dun Vinċenz Portelli u Dun Ġużepp Cassar, kif ukoll l-aħwa Dun Salv Portelli, Kappillan ta' San Lawrenz u Dun Grazzju Portelli. Dan ta' l-aħħar, amministralu l-Griżma tal-morda. (29)

Wara mewtu, il-kadavru tiegħu ġie ttrasportat għall-knisja tal-Għarb fejn sarlu l-funeral li għalih kienet preżenti folla kbira ta' nies. Franġisk Portelli ġie midfun taħt il-paviment tal-istess knisja fil-qabar li kien iġib in-numru 29.

Fid-19 ta' Marzu, 1976, festa ta' San Ġużepp, Għarus purissimu tal-Verġni Marija, il-fdalijiet ta' Franġisk, wara li ġew maqlugħa minn qabru u merfugħa f'kaxxa ssiġillata, kienu meħudin fis-Santwarju Ta' Pinu u midfunin fil-kappella tal-Kunċizzjoni, maġenb dawk ta' Karmni Grima.

## REFERENZI:


(25) Liber Baptizzatorum tal-Parroċċa tal-Għarb. Vol. IV. Pag. 71.

(26) "Apostolato Franciscano" maħruġ mill-Commissariato Provinciale per il Terz'Ordine Francescano — Convento Cupuccini, Palermo 1949 pag. 66.

(27) "Id-Devot Ta' Maria" 1888 No. 3 pag. 35-36.

(28) Tagħrif miġbur minn għand D. Grazzju Portelli u l-Kan. D. Bernard Portelli.
Ara wkoll artiklu ta' Carmelo Borg, "Franġisk Portelli" fil-Ħajja f'Għawdex ta' April, 1976, pag. 7.

(29) Liber Mortuorum tal-Parroċċa tal-Għarb Vol. VI pag. 437.

# MARIJA U L-KNISJA

Wara li b'ferħ li ma jitfissirx kienu raw lil Ġesù tiela s-sema, l-appostli niżlu minn fuq l-Għolja taż-Żebbuġ u daħlu Ġerusalem. Huma baqgħu telgħin fil-kamra ta' fuq tad-dar fejn kienu joqogħdu, u hemm ilkoll qalb waħda kienu jitolbu flimkien ma' Marija, Omm Ġesù.



Il-komunità ta' dawn il-ftit dixxipli ta' Ġesù madwar Marija kienet il-bidu tal-Knisja. Fis-sekli li ġew wara, il-Knisja dejjem fehmet lilha nfisha bħala tkomplija fiż-żmien u tkattir fil-għadd tal-ġemgħa tad-dixxipli ta' Ġesù fiċ-ċenaklu. Illum ukoll il-Knisja tiftakar f'dawk l-ewwel dixxipli b'qima kbira. Minn għandhom hi ħadet il-Kelma tal-ħajja. Magħhom hi taqsam il-fidi u t-tama. Bħalhom hi tgħożż lil Marija.

Mal-ġenerazzjonijiet li jgħaddu waħda wara l-oħra, Alla f'kull żmien isib lil dawk li jħobbuh. Minnhom il-Knisja. Għax il-Knisja hija l-familja t'Alla. Flimkien ma' tant oħrajn minn kull ġens u żmien, aħna membri tagħha. Fiha aħna qraba ta' xulxin fi Kristu. Marija, Omm Ġesù, hi waħda minna — imma hija wkoll l-aqwa waħda fostna. Fil-familja spiritwali tagħna li hi l-Knisja, Marija hi bħal Omm.

Lejn din l-Omm, il-familja kollha għandha dmir ta' rikonoxxenza. Mnejn hu ġej sewwa sew dan id-dmir? Sejrin inwiegbu għal din il-mistoqsija f'żewġ stadji: l-ewwel nikkonsidraw il-misteru tal-Knisja, li hi realtà ta' fidi; imbagħad naraw kif il-Knisja, kemm storikament kif ukoll spiritwalment, hi marbuta ma' Marija.

## Il-Knisja

Nistaqsu: X'inhi l-Knisja? Kif għandna nifhmuha teoloġikament?

Il-Knisja hi l-ġemgħa ta' l-imgħammdin fl-Isem tal-Mulej Ġesù: fi Kristu Salvatur hi sagrament tas-salvazzjoni għall-bnedmin kollha. Il-Knisja hi l-Poplu t'Alla. Dan il-poplu huwa magħqud f'Ġisem li r-Ras tiegħu huwa Kristu. Dan il-poplu huwa wkoll bħal dar spiritwali fejn jgħammar l-Ispirtu s-Santu bħal f'tempju.

Il-Knisja hija komposta minn bnedmin, imma mhix opra tal-bnedmin. Il-Knisja ġejja minn Alla, u twassal għand Alla. Hija misteru ta' komunjoni u grazzja. Hemm raġuni waħda biss għala teżisti komunità ta' salvazzjoni: din ir-raġuni hi li Alla hu imħabba u, għax iħobb, irid jiġma l-bnedmin flimkien u jwassalhom għandu. Hemm mod wieħed biss kif din il-komunità tikseb is-salvazzjoni: dan il-mod hu li Alla jikkomunika l-ħajja intima tiegħu kif hu jgħixha fil-misteru trinitarju tiegħu. Hemm fundament wieħed biss li fuqu

tinbena l-Knisja: dan il-fundament hu l-għotja ta' l-Iben tal-Missier lill-bnedmin bħala ħuhom. Il-Knisja hi, u hi dak li hi, bis-saħħa tat-Trinità Qaddisa u ta' l-Inkarnazzjoni tal-Verb.

Teżisti fil-fatt il-Knisja, għax Alla minn rajh għamel patt ta' salvazzjoni mal-bnedmin. X'inhu sewwa sew dan il-patt?

Il-patt ta' Alla mal-bnedmin, fl-iktar livell profond, huwa l-inkarnazzjoni tal-Verb. Għax fl-inkarnazzjoni, il-Verb tal-Missier rabat in-natura tagħna l-bnedmin mal-persuna divina tiegħu; mhux biss, imma rabatha darba għal dejjem b'rabta li ma tistax tinħall. L-inkarnazzjoni hi għalhekk patt definittiv ta' komunjoni salvifika bejn Alla u l-bnedmin

L-inkarnazzjoni hi l-fundament li fuqu seta' jitwaqqaf il-Poplu tal-Patt: kellu jkun hemm il-Ġisem uman ta' Kristu biex seta' jkun hemm il-Ġisem mistiku tiegħu. Imma fil-pjan t'Alla, l-inkarnazzjoni kellha tkun ukoll redentiva: kellha tinkludi l-opra ta' Kristu, speċjalment il-misteru tal-Għid tiegħu. Kristu għalhekk issiġilla l-patt ta' Alla mal-bnedmin bit-tixrid ta' demmu. Hu miet minħabba dnubietna u rxoxta għall-ġustifikazzjoni tagħna. B'hekk hu kiseb poplu ġdid destinat għas-salvazzjoni.

Dan il-poplu beda jeżisti meta Ġesù, wara li qam mill-imwiet, ta lid-dixxipli tiegħu l-Paraklitu li kien wiegħed. Dan hu l-Ispirtu li ġej mill-Missier u mill-Iben. Hu li jgħaqqad flimkien lil dawk li jsejħu l-Isem ta' Ġesù u jagħmel minnhom poplu. Hu li jinsiġhom ħaġa waħda bħala membri ħajjin fil-Ġisem mistiku ta' Kristu. Hu li jibnihom f'bini qaddis, għamara għal Alla.

Bl-Ispirtu li jingħatalhom, id-dixxipli ta' Kristu jinħatru wlied fl-Iben u jgħajtu "Abba, Missier". Hekk huma jsiru l-familja tal-Missier li minnu tissejjaħ kull paternità fl-art u fis-sema.

Din il-familja hi l-Knisja. Hi "poplu unit flimkien mill-unità tal-Missier u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu" (San Ċiprijan). Imma hi l-Poplu tal-Missier, il-Ġisem mistiku ta' l-Iben Inkarnat, it-Tempju ta' l-Ispirtu s-Santu. Il-Knisja għalhekk hi opra t'Alla wieħed li jdaħħal lill-bnedmin f'komunjoni salvifika mal-ħajja trinitarja tiegħu.

Is-salvazzjoni, li tagħha l-Knisja hija s-sagrament, tikkonsisti fil-komunjoni perfetta tal-bniedem ma' Alla. Din il-komunjoni tibda tassew fid-dinja bil-grazzja u tintemm fil-ġenna bil-glorja. Illum għalhekk, il-familja t'Alla teżisti fi tliet stati, fuq l-art, fil-purgatorju u fil-ġenna.

Il-Knisja fuq l-art, timita lil Kristu "li wriena fih innifsu t-triq tas-salvazzjoni" (San Tumas). Hi tgħix bil-fidi, timxi bit-tama, tikber fl-imħabba. Hi tgħożż it-tifkira ta' dawk li ġà telqu qabilna bis-sinjal tal-fidi u issa jaraw lil Alla kif inhu. Bl-eżempju tagħhom hi tagħmel il-qalb u, fi triqtha lejn is-sema pajjiżha, taf li huma jgħinuha bit-talb. Hekk il-Knisja fuq l-art tixxennaq għad-dehra ta' Kristu glorjuż, qawwija fit-tama li hu għad jibdel is-sura ta' dan il-ġisem li jmut fis-sura ta' ġismu glorjuż. Imbagħad hu jilqa' lill-Knisja, l-għarusa tiegħu bla tebgħa u tikmixa, u joffri lill-Missier is-Saltna fejn Alla jkun kollox f'kulħadd.

## Marija u l-Knisja

Wara li għidna dan fuq il-Knisja, nistgħu issa nistaqsu: Fejn tidħol f'dan kollu Marija? Liema kien il-kontribut li hi tat fil-bidu tal-Knisja? X'konnessjoni hemm bejnha u bejn il-Knisja llum?

Il-bidu storiku tal-Knisja huwa Kristu, imma lil-bidu ta' l-istorja umana ta' Kristu hemm Marija.

Alla sejjaħ lil Marija biex tkun protagonista fl-aktar mument deċisiv tal-istorja tal-bniedem. Għażilha biex f'isem il-bnedmin kollha tilqa' s-Salvatur imwiegħed. Mal-persuna tagħha Alla rabat il-misteru ta' l-inkarnazzjoni tal-Verb. Għax il-Verb tal-Missier sar bniedem bil-

qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu fil-ġuf safi tagħha.

Dak il-ħin tat-tħabbira ta' l-anġlu, Marija kienet "it-tmiem fiss tal-ħsieb t'Alla" (Dante). Dak il-ħin, bil-kunsens liberu tagħha, sar il-kuntatt personali bejn il-Kreatur u l-kreatura. Dak il-ħin sar il-patt li ma jinħallx bejn Alla u bejnna l-bnedmin. Marija kienet l-Arka tal-Patt.



Kien għalhekk permezz ta' Marija li aħna rċevejna l-Medjatur, is-Saċerdot, il-Feddej, il-Fundatur. Marija tat lill-Verb il-ġisem biex hu seta' jkun ir-Ras tal-Ġisem li hu l-Knisja. Meta fi ħdanha l-Iben t'Alla sar ħuna hi, waħda minna, saret Omm Alla. Minħabba f'hekk, f'sens derivat, hi saret ukoll Ommna.

Biex Marija setgħet taqdi dan il-ministeru singulari tagħha, Alla mlieha bil-grazzja. Hi kienet il-Qaddejja umli tal-Mulej, mera ta' l-ubbidjenza, il-fidi, it-tama, l-imħabba u kull virtù. Hi kienet il-Hienja fost il-henjin li tagħhom hi s-saltna tas-smewwiet. Għall-Knisja f'kull żmien, Marija hi l-mudell ta' dawk li jilqgħu l-kelma t'Alla u jagħmluha. Hi tibqa' dejjem l-ideal tad-dixxiplu ta' Kristu.

Marija, l-Arka tal-Patt, kienet preżenti u ħadet sehem dak il-ħin li Binha Ġesù, bit-tixrid ta' demmu fuq is-salib, issiġilla l-patt li minnu twieldet il-Knisja.

Ma nistgħux ngħidu li dak li għamlet Marija fuq il-Kalvarju kien meħtieġ biex setgħet issir l-opra tal-fidwa. Għax Kristu biss kien il-Medjatur kwalifikat biex jagħmel dan; hu biss kien is-Saċerdot u l-Vittma fis-sagrifiċċju tar-rikonċiljazzjoni bejn Alla u l-bnedmin. B'danakollu, ikollna ngħidu li, waqt li l-Ħaruf bla tebgħa kien qiegħed itemm l-opra tal-fidwa, l-umanità mifdija kienet hemm uffiċċjalment rappreżentata mill-Verġni Marija.

Bix nifhmu x'kienet tfisser għall-Knisja l-preżenza ta' Marija fuq il-Kalvarju, irridu niftakru u nifhmu sewwa dak li qalilha Ġesù dak il-ħin. B'kelma li taħsdek fuq il-fomm ta' iben — kelma li fuq fomm Ġesù fil-mument tal-fidwa ma setax ma jkollhiex tifsira profonda — Ġesù lil Marija ma sejħilhiex Omm imma Mara. Għala dan?

Din il-kelma tant tistona tiegħu sinifikat liema bħalu jekk nifhmuha fl-isfond ta' l-ideat reliġjużi tal-Lhud ta' dak iż-żmien. Il-Lhud kienu jittamaw li Alla jżomm kelmtu magħhom u jġedded il-poplu tiegħu. Huma kienu jistennew umanità ġdida li fl aħħar żmien tiegħu post l-umanità l-qadima mħassra bid-dnub. Fil-kliem u fil-kitba huma kienu jippersonifikaw din l-umanità ġdida. Kienu jirrappreżentawha taħt ix-xbieha simbolika ta' "Mara".

L-umanità ġdida li kienu jistennew il-Lhud waqqafha Ġesù: għal dan hu ġie

fid-dinja. Hi l-frott tal-fidwa u l-maħfra li ħareġ mad-demm u l-ilma mill-kustat minfud ta' Kristu fuq is-salib.

Dak il-ħin li kienet qegħda titwieled, din l-umanità ġdida b'dispożizzjoni ta' Alla kienet simbolikament preżenti taħt is-salib, impersonata f'Marija, il-mifdija b'mod eminenti. Fuq l-għuda tal-fidwa, Ġesù kien Adam il-ġdid, kap ta' l-umanità mifdija. Ħdejh Marija kienet il-Mara, Eva l-ġdida, Omm il-ħajjin ġodda li bis-saħħa tal-fidwa twieldu għall-ħajja eterna.

"Mara, dan ibnek", qal Ġesù lil Marija hekk kif uriha wieħed li kien jemmen fih. "Din Ommok," qal imbagħad lil dak id-dixxiplu li laqagħha bħala Ommu.

Fl-ambitu tal-fidi li kienet torbtu ma' Kristu, dak id-dixxiplu (u fih kull min hu bħalu) ingħata u rċieva Omm. Din l-Omm tahielu Kristu bħala frott tal-fidwa u hekk kif tahielu, seta' jgħid: "Kollox hu mitmum." Il-Mara, mogħtija bħala Omm lil min jemmen fi Kristu Salvatur hi l-Knisja. Permezz ta' Marija, li kienet timpersonaha, hi kienet simbolikament preżenti waqt l-att tal-fundazzjoni tagħha.

Bħal Marija li dehret f'isimha fuq il-Kalvarju, il-Knisja kellha tkun Omm u Verġni: Omm li tnissel għal Alla wlied bil-fidi, Verġni li tħares il-fidi tagħha safja u bla mittiefsa. L-Omm Verġni ta' Ġesù għalhekk hi wkoll tip u xbieha tal-Knisja.

Meta Marija temmet il-kors ta' ħajjitha fid-dinja u ġiet imtellgħa s-sema bir-ruħ u l-ġisem, ir-rabta tagħha mal-Knisja ma naqsitx imma żdiedet. Marija saret ix-xbieha ta' dak li l-Knisja għad trid tkun u, fil-komunjoni tal-ġusti kollha fl-art u fil-ġenna, saret il-protettriċi l-aktar setgħana tal-Knisja fuq l-art.

Bl-assunzjoni tagħha, Marija laħqet il-milja tas-salvazzjoni fir-ruħ u fil-ġisem. Il-glorja tagħha hi bħal dik ta' Kristu rxoxt — bħal dik li ġiet imwiegħda lilna fit-tmiem. Marija llum hi għalhekk dak li l-Knisja fuq l-art qegħda titħabat għalih u tistenna li jseħħ. Kif inhi fil-glorji hi l-*Ikona*, jiġifieri l-immaġni ta' dak li l-Knisja għad tkun meta tilħaq il-perfezzjoni tat-tmiem. Għall-Knisja pellegrina fuq l-art, Marija fil-glorja hi għalhekk kawża ta' ferħ u motiv ta' tama.

Għalkemm b'mod differenti minn meta kienet fiċ-ċenaklu mdawra mill-appostli u magħhom taqsam it-talb, Marija fil-ġenna llum ukoll hi magħquda fit-talb mal-Knisja fuq l-art. Hi li kellha sehem importanti fi żmien it-twaqqif tal-Knisja, illum ukoll għadha protagonista fl-istorja tagħha. Hi ssegwi b'ħerqa l-ġrajjiet tal-Knisja, attenta għall-bżonnijiet ta' kull wieħed u waħda mill-membri tagħha, u tgħinhom bit-talb. L-interċessjoni tagħha, proporzjonata fil-qawwa mal-kobor ta' qdusitha u ta' sehemha fil-pjan tas-salvazzjoni, iġġegħlna nsejħulha Avukata tagħna.

## Egħluq

Minn dan naraw x'dejn kbir ta' gratitudni għandha l-Knisja ma' Marija.

Marija irrappreżentat il-bnedmin kollha meta f'isimhom laqgħet is-Salvatur. Hi kienet l-inkroċju fejn iltaqgħu l-Ħallieq u l-holqien. Hi l-Arka tal-Patt. Permezz tagħha Alla tana l-Medjatur, ir-Rivelatur, is-Saċerdot, il-Fundatur, il-Kap tal-Ġisem Mistiku.

Marija irrappreżentat il-Knisja li kellha titwieled dak il-ħin li sar is-sagrifiċċju tal-fidwa li bih setgħet titwieled.

Marija f'ħajjitha fid-dinja kienet il-mudell ideali tad-dixxiplu tas-Saltna.

Marija llum fil-glorja tal-ġenna hija l-għajnuna tal-Knisja fit-triq u l-mera tal-Knisja fit-tmiem.

Biex nuru 'l Marija l-gratitudni u l-fiduċja tagħna, minn qiegħ qalbna nsellmulha u ngħidulha: Kawża tal-ferħ tagħna, Għajnuna ta' l-Insara, Omm tal-Knisja.

**MONS. CARMELO CASSAR.**

# KRONAKA TAS-SANTWARJU



**MARZU** (ikompli mill-ħarġa ta' qabel)

**21.** Fl-okkażjoni tal-festa ta' San Ġużepp, l-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi qaddes u għamel diskors imqanqal għall-irġiel Għawdxin. Mons. Isqof ħeġġeġ lil dawk preżenti biex ikunu dejjem u kullimkien lesti biex jaqdu dmirhom bħala nsara. Attendew numru sabiħ ta' rġiel. Fit-8.00 p.m. beda lejl adorazzjoni b'quddiesa minn Dun Rużar Borg. L-adorazzjoni matul il-lejl tmexxiet mill-membri tal-Moviment Ewkaristiku ta' Għawdex.

**22.** Saru pellegrinaġġi mill-parroċċi tal-Għasri u ta' San Lawrenz. Il-pellegrinaġġi kienu mmexxija mill-Kappillani Dun Ġużepp Mintoff u Dun Mikiel Borg.

**25.** Festa tat-Tħabbira tal-Mulej. Fis-6.30 p.m. saret Quddiesa Kantata bl-Għasar integrat mill-Kapitlu tal-Kolleġġjata tal-Għarb.

**APRIL:**

3. Saret Via Sagra Djoċesana għaż-żgħażagħ mal-Għolja ta' Għammar. Il-meditazzjonijiet saru minn żgħażagħ minn diversi parroċċi ta' Għawdex. L-aħħar meditazzjoni saret mill-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof. Il fuq minn 1000 żagħżugħ u żagħżugħa ħadu sehem f'din il-Via Sagra.

**5.** Sar Pellegrinaġġ mill-parroċċa ta' Sannat. Il-pellegrinaġġ kien immexxi mill-Arċipriet Dun Nikol Vella li mexxa wkoll Ċelebrazzjoni Ewkaristika fis-Santwarju.

**8.** Pellegrinaġġ mill-parroċċa ta' San Ġorġ. Meta l-pellegrinaġġ wasal fis-Santwarju saret Konċelebrazzjoni li tmexxiet mill-Arċipriet Mons. Emmanuel Mercieca.

**9.** Illum sar pellegrinaġġ mill-parroċċa tal-Katidral. Il-pellegrinaġġ kien immexxi minn Mons. Carmelo Scicluna li wara mexxa wkoll Konċelebrazzjoni mal-Presbiterju tal-istess parroċċa.

**12.** Pellegrinaġġ mill-parroċċa ta' Kerċem. Il-pellegrinaġġ kien immexxi mill-Kappillan il-Kan. Dun Franġisk Debrincat. Saret Konċelebrazzjoni fis-Santwarju li tmexxiet ukoll mill-Kappillan.

**14.** Fi tmiem l-irtir għall-professjonisti li sar f'Dar Manresa, illum saret quddiesa għalihom fis-Santwarju ta' Pinu. Numru sabiħ ta' professjonisti ħadu sehem f'din il-quddiesa.

**15.** Illum it-tfal u l-istudenti tal-Azzjoni Kattolika, immexxijin minn Dun Girgor Grech, għamlu Via Sagra mal-Għolja ta' Għammar. Fi tmiem il-Via Sagra saret ukoll quddiesa fuq il-muntanja.

**16.** Ħamis ix-Xirka. Saret it-tifkira tal-Ikla tal-Mulej. Il-Funzjoni tmexxiet mill-Kan. Prep. Dun Salv Camilleri.

**17.** Il-Ġimgħa l-Kbira. Fil-għodu saru l-Visti tas-Sepulkru li tmexxew mill-Kan. Dun Karm Cini.

Fl-4.30 p.m. saret il-Funzjoni tal-Adorazzjoni tas-Salib li tmexxiet mill-Kan. Prep. Dun Salv Camilleri.

**18.** Sibt il-Għid. Fit-8.00 p.m. bdiet il-Funzjoni tat-Tberik tan-Nar u tal-Blandun u wara saret Konċelebrazzjoni li tmexxiet mill-Kan. Prep. Dun Salv Camilleri.

**MEJJU:**

**2.** Il-Fergħa Ewkaristika organizzat Siegħa Adorazzjoni u quddiesa. Attendew numru sabiħ ta' nies minn diversi parroċċi.

Fl-okkażjoni tal-Festa ta' San Ġużepp Ħaddiem saret quddiesa bl-omelija mill-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi għall-ħaddiema Għawdxin Saret ukoll il-funzjoni tat-Tberik tal-Għodod.

**8.** Grupp ta' Maltin għamlu pellegrinaġġ għas-Santwarju ta' Pinu. Minn hawn imbagħad huma għamlu mixja penitenzjali mal-Għolja ta' Għammar fejn saret il-Via Sagra u quddiesa minn Dun Girgor Grech.

**9.** Is-Sorijiet Franġiskani għamlu pellegrinaġġ għas-Santwarju ta' Pinu fejn imbagħad qaddes għalihom il-Kan Dun Ġużepp Gauci.

Fis-6.15 p.m. sar Kunċert fuq l-orgni minn Walter Marcuse, M. Mus., għar-residenti Ingliżi.

**13.** Fl-okkażjoni ta' għeluq il-100 sena mill-mewt ta' Santa Marija Domenica Mazzarello, l-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi mexxa Konċelebrazzjoni u għamel l-omelija tal-okkażjoni fis-Santwarju ta' Pinu. Fi tmiem il-quddiesa l-E.T. Mons. Isqof bierek ukoll kwadru ta' Santa Maria Domenica Mazzarello, Fundatriċi tas-Sorijiet Sależjani. F'din l-okkażjoni kanta l-Kor tas-Sorijiet Sależjani.

**15.** Bħala attività marjana għax-xahar ta' Mejju, il-Pia Unjoni Madonna ta' Pinu organizzat Pellegrinaġġ għas-Santwarju ta' Pinu fejn saret quddiesa minn Dun Karm Borg.

Illum ukoll sar pellegrinaġġ mill-Awżiljarji tal-Legion of Mary tal-Parroċċa ta' Kerċem. Dawn għamlu Via Sagra mal-Għolja ta' Għammar u wara quddiesa fis-Santwarju ta' Pinu minn Dun Girgor Grech.

**17.** Sar pellegrinaġġ mir-Rabat għas-Santwarju ta' Pinu. Il-pellegrinaġġ kien immexxi minn Dun Albert Curmi.

**20.** L-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi mexxa Konċelebrazzjoni fis-Santwarju ta' Pinu għall-bżonnijiet tal-Papa wara li nhar l-Erbgħa li għaddew sar attentat fuq ħajtu. Għal din il-Konċelebrazzjoni, li fiha ħadu sehem għadd sabiħ ta' saċerdoti, attendew folol kbar ta' nies minn kull parroċċa ta' Għawdex.

**23.** Grupp ta' tfal u żgħażagħ tal-Azzjoni Kattolika minn Birkirkara, għamlu pellegrinaġġ għas-Santwarju ta' Pinu fejn saritilhom quddiesa.

**30.** Bħala parti mill-programm ta' attivitajiet marjani għax-xahar ta' Mejju, is-Sorijiet Karmelitani għamlu pellegrinaġġ għas-Santwarju ta' Pinu fejn saritilhom quddiesa bl-omelija minn Dun Karm Borg.

**ĠUNJU:**

**1.** Sar pellegrinaġġ mil-Le Spigolatrici għas-Santwarju ta' Pinu. Qaddes għalihom l-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi.

**6.** Il-Fergħa Ewkaristika organizzat siegħa adorazzjoni u quddiesa fis-Santwarju ta' Pinu. Qaddes il-Kan. Dun Mikiel Cauchi.

**11.** Waqt żjara li għamlu f'Għawdex, 50 saċerdot Ġermaniż ġew fis-Santwarju ta' Pinu fejn ikkonċelebraw mal-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi.

## QASSISIN LI QADDSU FIS-SANTWARJU

Kan. Joseph Said; Fr. Martinian Cutajar O.S.A.; Can. Joseph Grech; Mons. Gerardu Frendo; P. Anton Azzopardi O.F.M. Cap.; Fr. Girgor Grech; Fr. Michael Attard; Fr. Rosario Borg; Fr. George Mercieca; Arċ. Carmel Mercieca; Fr. Ġwann Mizzi; Fr. Ġwann Grech; Kapp. Fr. Michael Borg; Fr. J. Briffa Brincati; P. Frankie Debono O.F.M. Conv.; Fr. Marcell Portelli M.S.S.P.; Fr. M. Camilleri; Fr. Salv Borg; P. Eusebju Debono O.C.D.; Fr. Frans Zammit SDB; Rev. John Gauci; Fr. Gius Mercieca; Arċ. Mons. Emm. Mercieca; Fr. Carmel Grech; Mons. Carmelo Sacco; Fr. G. Sacco; Can. Joseph Borg; Fr. Angelo Mifsud O.S.B.; Can. Gius. Farrugia Dimech; Can. Joseph Gauci; Can. Arch. Carmelo Scicluna; Can. Gregorio Vella; Fr. Salv Grima; Rev. Joseph Camilleri; Can. Franġisk Debrincat; P. Crispin Tabone O.F.M. Cap.; Fr. Silvestru Bonavia; Fr. Joseph Sultana; Fr. John Dimech; Fr. Joseph Tiorini; P. Alfred Xerri O.F.M.Cap.; Fr. Carmel Portelli; Can. Antonio Mejlaq; Fr. Manwel Caruana; Fr. Anton Dimech O.F.M.Cap.; Fr. Anthony Ciangura O.F.M.Cap.; Mons. Francesco Borg; Can. Joe Mejlaq; Fr. Mariano Zammit; P. Philip Mallia O.F.M.; Rev. Anton Saliba; Rev. Carmel Camilleri; Fr. Salv Farrugia; Fr. Michael Mintoff; Fr. Joe Cini; P. Angeliku Vella O.P.; Rev. Joseph Fsadni; Fr. Anton Dimech; Mons. M'Angelo Apap; Rev. Albert Micallef O.F.M.; Fr. Paul Kiera M.S.S.P.; Fr. Victor Grech; Fr. Lawrence Sciberras; Fr. Karm Hili; Rev. George Mercieca S.D.B.; Fr. George Borg; Can. M'Angelo Xerri; Fr. Michael Sciberras, U.S.A.; Fr. Victor Buhagiar Cap.; Fr. Benjamin Galea; Fr. Joseph Bajada; Mons. Lorenzo Xerri; Fr. G'Maria Cauchi.

## ŻWIĠIJIET LI SARU FIS-SANTWARJU

John Azzopardi u Carmen Muscat min-Nadur; Victor Gatt mix-Xagħra u Mikelina Azzopardi mix-Xewkija; Mario Vella min-Nadur u Mary Zammit minn Victoria; Mario Said min-Nadur u Tessie Haber minn Għajnsielem; Joseph Meylaq u Rita Camilleri min-Nadur; Christine Agius minn Victoria u Salvu Camilleri mill-Għarb; Salvina Agius minn Victoria u Angelo Muscat min-Nadur; Francis Attard mix-Xewkija u Ġemma Grech min-Nadur; Salvu Vella u Carmen Pace mix-Xewkija; Carmel Falzon u Rita Portelli min-Nadur; Peter Muscat min-Nadur u Anġolina Azzopardi mix-Xewkija; Eugenio Vella miż-Żebbuġ u Carmen Debrincat mix-Xewkija; [illegible] M'Anne Agius mix-Xagħra u John Vella mix-Xewkija; Abberahamane Boukhalfa u Antonia Zammit mix-Xewkija; Salvu Azzopardi u M'Anne Hili min-Nadur; Raymond Said u Josephine Buttigieg min-Nadur; Charlie Azzopardi mix-Xewkija u Miriam Cassar mill-Fontana; Carmen Azzopardi min-Nadur u Karistu Grech mix-Xagħra; Joe Cassar minn San Lawrenz u Doris Xiberras minn Kerċem; John Portelli min-Nadur u Carmela Buttigieg mill-Qala;

## PREŻENTAZZJONI TA' TRABI LILL-MADONNA TA' PINU

Sharren Sultana — St. Paul's Bay; Josette Cassar — Nadur; Clare Theuma — Victoria; Christian Robert Agius — B'Kara, Malta; Simone Axiak — Xewkija; Antoinetta Attard — Xagħra; Michael Frank Stellini — Ħamrun; Tania Gatt — Victoria; Lilian Micallef — Għarb; Vivian Bajada — Żebbuġ; Jason Sultana — Xewkija; Johnny Mizzi — Qala; Jolyne Cremona — Victoria; Frida Muscat — Nadur; Josette Attard — Xewkija; James Bernard Pasqualino — Msida; Claudia Farrugia — Ħamrun; Alfred Gatt — Paola; Marlene Grima — Xewkija; Franco Joseph Scicluna — Victoria; Frank Paul Galea — Xagħra; Carla Maria Gauci — St. Paul's Bay; Mario Calleja — Żebbuġ; Marco Tanti — Tarxien; Joanna Cauchi — Fgura; Sefora Camilleri — Qormi; Janette Xuereb — Nadur; Kevin Attard — Xagħra; Alison Vella — Xewkija; Tracy Porter — Marsa; Maria R. Azzopardi — Cospicua. Joeanne Attard — Xagħra;

## MAGĦMUDIJIET LI SARU FIS-SANTWARJU

Grace Shamy Sacco bint Victor u Maria neè Theuma mix-Xagħra; Justin Muscat bin Joseph u Antonia neè Azzopardi.

# GRAZZI MADONNA.... GHAX SMAJTNI!

**MALTA:**

Karmnu Camilleri; Mr. & Mrs. Dingli; E. Micallef; Karmnu Vella; Paul Camilleri; Miriam Vella; Rita Fava; Vincent Debono; Achille Brincat; Anġlu Curmi; Pawla Portelli; Rożaria Buttigieg; Rose Pisani; Joseph Borg; Toni Bajada; Tessie Azzopardi; Lina Vella; Mario Mallia; E. Zammit; Loreto Grech; Ġużeppa Formosa; Mary Camilleri; Tessie Debono; M'Antonia Micallef; Karmenu Vella; James Micallef; Ġużeppa Casha; Alfred Mallia; Mohni Balani; Paul Cortis; Ġiġa Farrugia; Joseph Cremona; Maria Borg; Carmen Azzopardi; Polly Vella; Carmela Borg; Rita Borg; Paul Debattista; Grezzju Axisa; Nina Mangion; Manuela Montebello; Mary Mercieca; Ganna Ciappara; Francis Xuereb; Michael Cini; Tony Rotin; Connie Micallef; M'Antonia Mifsud; Michael Cassar; Gilian Sciberras; Julia Cassar; Rose Abela; Kelina Mizzi; Francis Sammut.

**AUSTRALIA:**

Chris Sultana; Carmen Hili; Rita Galea; Monty Sultana; Victor Sultana; Dolora Attard; Mary Galea; Lucy Sultana; F. Refalo; Ġuża Galea; Anġlu Mejlaq; Mary Cini; Jessie Galea; John Camilleri; Vitoria Farrugia; E. Grima; Victor Francis Sammut; Lonza Mercieca.

**U.S.A.**

Rose Vella; Ġorġa Azzopardi; Anġlu Tabone; M'Pauline Portelli; Mary Debrincat; Louis Borg; Doris Abela

**GHAWDEX:**

Carmelo Saliba; Alfred Busuttil; S. Rapa; Ċetta Farrugia; Mary Borg; Ġiġa Sultana; Maria Spiteri; Rita Tabone; Anġla Said; Christina Abela; Toni Pace; Carmela Sultana; Jane Tabone; Maria Grima; Bernarda Cauchi; Rose Muscat; Carmela Camilleri; Karmelu Muscat; Carmela Borg; Polly Portelli; Maria Portelli; Maria Abela; Ġina Grech; Carmela Bigeni; Family Cini; Francesca Said; Carmela Curmi; Nancy Agius; M. Attard; Margerita Vella; Maria Costò; Rita Mercieca; Ġanna Hili; Anġla Borg; Ġużepp Abela; J. Portelli; Maria Portelli; Ġuża Ciangura; Rose Cini; Ġuża Saliba; Roża Grech; Nazzarena Attard; Joseph Buttigieg; Grezzju Buttigieg.

M'Anne Bugeja; Tony Portelli; Lorenzo Formosa; Maria Piscopo; Michael Pace; Mrs. J. Attard; Loranne Attard; M'Tereża Camilleri; Rose Cardona; Pietru Muscat; Mike Vella; Ġanni Said; Carmen Galea; Toni Spiteri; Ġużeppa Grech; Pawlu Mejlaq; Anna Mejlaq; Rita Azzopardi; Ġuża Cauchi; Giacinta Muscat; Rita Buttigieg; Ġolina Buttigieg; Ġużeppa Azzopardi; T. Saliba; Joseph Hili; J. Sultana; Rose Sultana; Ġużeppa Mercieca; Madelene Camilleri; Maria Galea; Margerita Zammit; Carmela Attard; Maria Attard; Frenċ Buttigieg; Salvu Curmi; Grace Sultana; Carmel Camilleri; Tarċisja Portelli; Maria Sammut; Ġorġina Camilleri; Angela Mizzi; Anġlu Sacco; Pauline Cassar; Ġuża Sillato; Alfred Cassar; Anġlu Debrincat; Ċikku Zammit; Grezzju Grech; Rose Vella; Reġina Theuma; Josephine Schembri; Wiġi Saliba; Susie Mizzi; Verina Azzopardi; Manwel Agius; Marion Camillleri; Salvina Attard; Carmen Azzopardi; Grezzja Caruana; Joseph Portelli; Antonia Debono; John Bajada; Carmen Attard; Feliċa Bezzina; Mary Zammit; Nichola Apap; Rita Sultana; Doris Sultana; Mary Camilleri.

Pawla Muscat; Josephine Magro; Clementa Grech; Ġuża Buttigieg; Antonia Cauchi; Helen Farrugia; Joe Mifsud; Margerita Sciberras; Maria Tabone; Nazzarena Mercieca; M'Rose Xuereb; Annette Grima; Ġiġa Grech; Ġanna Buttigieg; Carmen Cassar; Carmen Debono; Maria Aquilina; Ġuża Zammit; Rita Gauci; Loreta Azzopardi; Rozaria Attard; Liza Cauchi; Rita Cauchi; Toni Sultana; Vince Saliba; Carmelo Muscat; Theresa Grima; Ġużepp Tabone; Nikola Formosa, Margret Curmi, Elizabeth Sultana; Mario Xuereb; Betty Apap; Maria Galea; Leli Muscat; Benna Muscat; Michael Saliba; Ġina Portelli; Franġiska Grima; M'Carmen Grima; Sylvia Camilleri.

Victor Attard; Josephine Axiak; Maria Bajada; Grace Grech; Lina Azzopardi; Salvu Sammut; Mary Cassar; Antonia Vella; Salvu Bonavia; Georgia Galea; Jane Agius; Michael Grima; Rose Cini; Angela Cefai; Maria Cremona; Mary Attard; Ġorġ Gatt; Virginja Zammit; Ġanni Xuereb; Martin Xuereb; Ġużepp Mizzi; Ġużepp Micallef; Grace Muscat; Raymond Gatt; M'Anne Agius; Pawla Haber; Margerita Refalo; Jane Cutajar; Frenċ Buttigieg; Margerit Attard;

# Religjuzi Agostinjani Devoti tal-Madonna Ta' Pinu (2)

Minn P. SERAFIN BORG O.S.A.

## PATRI MANWEL ABELA

Reliġjuż Agostinjan ieħor u din id-darba Malti, li kien miġbud u jħobb il-Madonna ta' Pinu kien il-Patri Manwel Abela. U kif kien kiteb sewwa, l-Editur tad-Devot ta' Marija, li Patri Abela, barra li kien reliġjuż eżemplari, "spiss kien jidher fostna tant f'dawk is-snin li għadda bħala Provinċjal kif ukoll dejjem biex jagħmel żjara lill-Madonna ta' Pinu, billi kellu devozzjoni partikolari." (1) Patri Abela ma naqasx ukoll li jaħdem biex ixerred il-qima lejn il-Madonna ta' Pinu f'Malta. Ħadem ħafna. U bil-ħidma ħabrieka tiegħu kien imexxi pellegrinaġġi minn Malta għas-Santwarju Marjan tagħha.

Patri Manwel twieled fil-25 ta' Mejju, 1838, ir-Rabat, Malta. Ħaddan l-Ordni Agostinjan fis-17 ta' Marzu, 1854 u ġie ordnat saċerdot f'Diċembru, 1861. (2).

Għadda 47 sena bħala reliġjuż l-aktar eżemplari u ħadem bla serħan matulhom b'imħabba kbira fil-qasam tal-Mulej bħala iben denn tal-Provinċja Agostinjana Maltija.

Ġew mogħtija lilu għadd ta' karigi fil-kunvent u li għaraf iwettaqhom bir-reqqa kollha. Id-dehen u l-ħila tiegħu wriehom fid-darbtejn li ġie maħtur bħala mexxej tal-Provinċja fl-1892 u 1898. "Kien ukoll magħżul bħala Eżaminatur Pro-Sinodali għad-Djoċesi ta' Għawdex u kien kappillan aġent tas-Suldati Ingliżi u kien jieħu ħsieb ukoll l-istess suldati morda fl-isptar tar-Rabat, Malta." (3) Kariga li wettaqha b'imħabba nisranija.

Kien konfessur imfittex u baqa' magħruf għal dik il-karità li biha kien jilqa' l-erwieħ niedma u bil-ħlewwa jressaqhom lejn Kristu. Anki Patri Abela kie magħruf bħala predikatur, għax bil-kelma ħajja u perswasiva tiegħu kien isaħħar il-poplu għall-kelma t'Alla. Dak li kien jidher fil-persuna ta' Patri Abela, il-ħajja eżemplari fil-ministeru saċerdotali tiegħu. (4).

Saru diversi opri bil-ħidma tiegħu u bi flusu. Meta kien Pirjol tal-kunvent ta' Santu Wistin, ir-Rabat, Għawdex, fl-1888 ħallas bi flusu l-kwadru tal-Imqaddsa Familja ta' Nazaret, impitter mill-pittur Taljan Tito Troia, li jinsab fil-knisja tal-istess Patrijiet Agostinjani.

Patri Manwel Abela miet fit-13 ta' Novembru, 1902, fil-kunvent ta' Santu Wistin, ir-Rabat, Malta. Ikun xieraq bil-bosta, li l-isem ta' Patri Abela jiġi mniżżel fl-istorja bħala reliġjuż Agostinjan li ħabb il-Madonna u xerred id-devozzjoni tagħha.

### RIFERENZI:


(1) CFR: **Id-Devot ta' Marija** — Nov. 1902.
(2) Cfr: Ferd. Xuereb, O.S.A.: Bibljografija tar-Reliġjużi Agostinjani Maltin. 1976. pag. 8.
(3) Cfr. idem.
(4) Cfr: Ark.Kunvent S. Wistin, Rabat, Għawdex. Lib. Prop. 1901 —25. p. 19.

# Impressjonijiet Dwar Ta' Pinu

### Minn **Saċerdot Għawdxi**

Fid-Dar tal-Providenza Divina, mwaqqfa mill-Cottolengo ġewwa Torin, hemm ħaġa li tixhed id-devozzjoni ta' dan il-Qaddis lejn il-Madonna; f'wieħed mill-kurituri ħdejn il-kappella ta' dak l-isptar kbir daqs belt, hemm kollezzjoni mibdija mill-Cottolengo stess, kollezzjoni ta' xbihat tal-Madonna taħt diversi titoli, li huma meqjuma fi knejjes u santwarji differenti tad-dinja. Meta rajt dil-kollezzjoni għoġbitni; imma fl-istess ħin kelli dispjaċir: għarrixt biex insib xbiha tal-Madonna ta' Pinu, iżda kien kollu għalxejn. Għidt bejni u bejn ruħi: "Aħna żgħar wisq u għalhekk mhux għaġeb għaliex xi darba l-bnedmin jinsewna!"

Però, il-Madonna ma timxix fuq din ir-regola. Proprju għaliex aħna żgħar, Hija tefgħet fuqna l-ħarsa ta' predilezzjoni tagħha. Ma kènitx kuntenta li f'artna jkun hawn għadd ta' knejjes iddedikati lilHa u ħafna xbihat mirakolużi kif jeżistu f'pajjiżi oħra, imma riedet tiddistingwina minnhom u tagħtina dan il-privileġġ, billi għoġobHa f'artna ssemma' leħenHa u tafda lil niesna stess il-messaġġ Tagħha.

Il-poplu tagħna jħossu kburi għal dan il-ġieħ u lill-Madonna ta' Pinu ma ċaħdilha qatt il-qima tiegħu. Xhieda ta' dan huwa mhux biss it-tempju li bnielha, imma wkoll il-folol li jieħdu sehem fil-pellegrinaġġi għal quddiem ix-xbiha tagħha.

Madankollu, għad li jiena nammira s-santwarju ta' Pinu meta jkun iffullat bin-nies fl-okkażjoni tal-pellegrinaġġi, jew fl-Erbgħat ta' qabl il-festa, imma nistqarr li nħoss aktar ġabra u konsolazzjoni kbar, meta f'xi lejla xitwija jew f'xi ħinijiet ta' wara nofs in-nhar insib ruħi waħdi quddiem ix-xbiha għażiża tal-Madonna ta' Pinu.

U l-ewwel ħsieb li jinbet f'moħħi f'dawn iż-żjarat, huwa dak ta' tama bla tarf fl-Imqaddsa Marija. NistħajjilHa tant qrib lejja, qisha waħda tal-familja. NistħajjilHa titkellem b'ilsien art twelidi, kif tkellmet snin ilu ma' Franġisk Portelli u ma' Karmni Grima.

Hija tagħraf wieħed wieħed id-devoti li jersqu lejHa, bil-karattru tagħhom, u bil-grazzji li Alla tahom. Hija taf in-niket u t-tamiet tagħhom, u nilmaħHa tersaq lejhom bil-ħlewwa, bħalma omm tmil fuq in-nieqa ta' binha marradi, biex tfarraġhom u tixxotta d-demgħat tagħhom.

Fl-istess waqt, niftakar ukoll fil-qabża kbira, fid-differenza li hemm bejn iċ-ċokon tiegħi u l-kobor tagħha. Kull bniedem mhux ħlief miżerja, fil-waqt li l-Madonna hija kobor ta' ġmiel u ta' qdusija, kobor ta' setgħa u ta' mħabba.

Għal dawn il-ħsibijiet titla' weħidha minn qalbi talba ħerqana lill-Madonna biex iżżommni taħt il-ħarsien tagħha, bħalma tfajjel zgħir li jagħraf id-debolizzi tiegħu, jgħolli 'l fuq dirgħajh żgħar biex jitlob lil ommu tagħtih l-għajnuna u tħarsu.

U meta noħroġ mis-santwarju ta' Pinu, inħoss li dawn is-sentimenti nisslu fija tama u qawwa ġdida, għaliex fl-aħħar mill-aħħar, x'inhuwa iktar ta' ġid għal ruħ in-nisrani mit-tfulija spiritwali li biha f'kull ċirkostanza tal-ħajja, iħares dejjem lejn Alla bħala missier twajjeb u lejn l-Imqaddsa Marija bħala omm ħanina tiegħu!

Il-Madonna ta' Pinu tieqaf magħna u mal-gżejjer tagħna!

## Kampanja li Rnexxiet...Għax ma Nippruvawhiex!?

Dawk il-familji li sal-lum kien għad m'għandhomx id-drawwa qaddisa li jgħidu ta' kuljum ir-Rużarju, jistgħu jibdew bil-mod il-mod billi għall-inqas jirreċitaw posta waħda, għad li jkun wisq aħjar jekk isibu ftit aktar ħin biex igħidu ħames posti. Esperjenza bħal din saret xi snin ilu, fil-belt ta' Turin, fejn grupp ta' Kattoliċi ferventi bdew kampanja b'dan is-slogan li kellu suċċess: "F'kull familja nisranija, kull filgħaxija, posta Rużarju meditat". Ma kienx possibbli li wieħed jistenna mill-familji moderni li jdaħħlu mill-ewwel id-drawwa ta' ħames posti; però biżżejjed tliet minuti sabiex wieħed jirreċita posta tar-Rużarju u jaħseb fuq dak il-misteru. Dawk il-familji li bdew din id-devozzjoni, intebħu illi taħt il-ħarsien tal-Madonna, il-ħajja ta' kuljum issir wisq inqas diffiċli.

*(Ara: Giovanni Barra "Maria Nella Vita Pastorale". Enciclopedia Mariana pag. 544. Ara wkoll: E.T. Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi: "Ir-Rużarju fil-Familja", pag. 28).*



# IL-VERĠNI
# FIL-MAGIST
# ĠWANNI P

*Minn*
**Mons. Carmelo Scicluna,**
**Arcipriet tal-Katidral**

**Għanja u rikka hija d-duttrina tal-Papa attwali dwar il-Verġni Mbierka Marija. It-tagħlim tiegħu dwar il-Madonna llum jifforma teżor mhux komuni fil-Marjoloġija kontemporanja. Għalkemm il-Papa Ġwanni Pawlu II fil-Maġisteri tiegħu jfittex li jinkwadra dejjem lil din il-Kreatura singolari fil-kuntest ta' dak li għallem il-Konċilju Vatikan II fil-kapitlu 8 tal-Kostituzzjoni Dommatika 'Lumen Gentium', madankollu ċerti nozzjonijiet Marjoloġiċi ta' dan il-Papa m'humiex biss oriġinali imma wkoll ta' livell l-aktar għoli mill aspett teoloġiku.**

**ESPRESSJONIJIET MARJANI**

Bosta u diversi huma l-espressjonijiet tassew sbieħ u anki oriġinali li ħarġu mill-fomm tal-Papa attwali dwar il-Madonna. Difatti kien il-Papa preżenti li ndirizza lill-Verġni Marija b'dan il-mod:

* "Ħadd aħjar minnek ma jista' jgħallimna (lis-saċerdoti) il-verità dwar Ibnek Ġesù." (1)
* "Ħadd bħalek ma jista' jfehemna (lis-saċerdoti) kif għandna nrejqu lill-bnedmin b'Ibnek Ġesù għax kont int li mantnejtu fil-ħajja mortali tiegħu biex rabbejtu f'saħħtu."(2)

(1) Ittra tal-Q.T. il-Papa Ġwanni Pawlu II lis-saċerdoti kollha tad-dinja 1979, art. 11.

(2) Ibid. art 11.

# MARIJA
# ERU TAL-PAPA
# AWLU II

* "L-Omm ħanina li kontinwament turi l-preżenza materna tagħha fil-missjoni tal-Knisja." (3)

* "Il-bidu u l-prinċipju ta' dinja aħjar, aktar umana, aktar qaddisa u aktar ġusta." (4)

* "L-ewwel bniedma li f'Betlem irrivelat lil Binha Ġesù mhux biss lin-nies ta' bla skola imma wkoll lill-għorrief tal-pajjiżi mbiegħda." (5)

* "F'idejk, għażiża Madonna, reħa kull bniedem tad-dinja Ibnek Ġesù xħin kien minxur fuq għuda ta' salib u għalhekk inti u tgħannaq lill-bnedmin kollha tad-dinja, tersaq lejn kulħadd, taċċetta lil kulħadd u tfittex maternament lil kulħadd." (6)

* "Ħadd daqsek, O Marija, ma jista' jdaħħalna fid-dimensjoni divina u umana tal-misteru tal-Fidwa." (7)

* "Lil ħadd bħalek, O Marija, Alla ma daħħal f'dan il-misteru tal-Fidwa daqskemm daħħal lilek." (8)

* "Uniku huwa....is-sehem tiegħek, O Marija Verġni....fil-pjan t'Alla għas-salvazzjoni tal-bniedem permezz tal-misteru tal-Fidwa." (9)

* "Permezz tal-preżenza materna tiegħek, O Marija, il-Knisja tikseb iċ-ċertezza li hi tassew qed tgħix il-ħajja tal-Mulej, il-Fundatur tagħha." (10)

* "Marija hija dik li b'mod tassew tal-għaġeb, b'mod li m'hemmx ieħor bħalu, għarfet x'inhi l-ħniena; ebda ħadd ieħor ma għarafha qatt daqsha." (11)

(3) Omelija f'Jasna Gora, Polonja, fl-4-6-1979.

(4) Att ta' Konsagrazzjoni lill-Qalb Bla Tebgħa ta' Marija f'Jasna Gora fl-4-6-1979.

(5) Ibid.

(6) Omelija fil-Bażilika tal-Madonna ta' Guadalupe, Messiku, fis-27-1-1979.

(7) Enċiklika 'Feddej tal-Bniedem', art. 22

(8) Ibid. art. 22.

(9) Ibid. art. 22.

(10) Ibid. art. 22.

(11) Enċiklika 'GĦANI FIL-ĦNIENA' art. 9.

* "Marija....hija dik li għarfet l-għoli kollu tal-misteru tal-ħniena t'Alla....għalhekk insejħulha Omm il-ħniena, Sidtna tal-ħniena, Omm il-ħniena t'Alla." (12)

Din il-litanija twila ta' espressjonijiet Marjani li ħarġu mill-pinna jew aħjar mil-qalb tal-Papa Ġwanni Pawlu II hija ndikazzjoni ċara li l-polz marjoloġiku tal-Ħelu Kristu fuq l-art iħabbat b'ritmu qawwi. Dan l-eloġju tal-Papa f'ġieħ il-Madonna m'huwiex frott sentimentali, imma riżultat u xhieda ċara tad-devozzjoni awtentika li għandu l-Papa lejn il-Verġni Mbierka.

## MATERNITÀ UNIVERSALI

Fil-Maġisteru tal-Qdusija Tiegħu l-Papa Ġwanni Pawlu II tispikka ħafna d-duttrina tiegħu dwar il-maternità universali tal-Madonna.Din il-Kreatura Singulari saret omm naturali ta' l-Iben Waħdani tagħha Ġesù ġewwa Betlem. Fuq il-Kalvarju Hija saret Omm il-bnedmin kollha. U dan ma setax ikun xorta oħra l-għaliex jekk Kristu, skond id-duttrina ta' San Pawl, Huwa ħuna l-kbir li jixbahna f'kollox barra fid-dnub, Ommu Marija hija wkoll Ommna jekk mhux bi dritt naturali, iżda bid-dritt ta' l-adozzjoni divina li rċivejna dak in-nhar tal-Magħmudija tagħna. Għalhekk difatti l-Madonna tissejjaħ Omm il-Knisja li hija magħmula mill-imgħammdin kollha. Iżda l-maternità tal-Madonna ma hijiex limitata biss għall-membri tal-Knisja Kattolika, imma għall-bnedmin kollha tad-dinja għax Binha Ġesù temm ħajtu fuq għuda ta' Salib mhux għal klassi waħda ta' nies, imma għal kulħadd. L-espansjoniżmu matern tal-Madonna ma huwiex għalhekk ristrett għal dawk biss li jemmnu fi Kristu Binha, imma huwa wkoll estiż għal kull kreatura mżejna bid-dehen u bir-raġuni għax għalihom wkoll Ġesù Kristu xerred demmu u allura għalihom ukoll sofriet il-Madonna f'qalbha. Din il-maternità universali tal-Madonna, il-Papa attwali wrieha b'mod ċar fl-Enċiklika Tiegħu "Feddej tal-Bniedem" fejn stqarr: "Minħabba l-maternità tagħha, is-sehem ta' Marija huwa uniku fil-pjan tas-Salvazzjoni tal-bniedem permezz tal-Misteru tal-Fidwa. U dan il-Misteru tal-Fidwa tfassal....taħt il-qalb tal-Verġni ta' Nazaret meta din lissnet il-kliem tagħha: 'Ikun minni skond kelmtek'. Minn dak il-ħin 'il quddiem, bil-qawwa speċjali ta' l-Ispirtu s-Santu, din il-qalb, qalb ta' Verġni u fl-istess ħin ta' Omm, issuktat timxi dejjem wara l-ħidma ta' Binha u tħobb lil dawk kollha li Kristu ħaddan u jkompli jħaddan dejjem miegħu b'imhabba bla tmiem." (13)

U għal din ir-raġuni wkoll il-Papa qalilna li l-Verġni Marija "tinsab qrib tal-bniedem, ta' kull bniedem u ta' dak kollu li jiġri lill-bniedem." (14). Il-preżenza tal-maternità universali tal-Madonna tinħass tabilħaqq f'kull parti tad-dinja biex tkun Hija, bħalma kienet dejjem Hija, li tressaq lill-bnedmin mitlufa fl-isqaqijiet mudlama ta' din id-dinja sekularizzata lejn Binha Ġesù l-għaliex bħalma qal tajjeb S. Wistin "Il-Madonna ġġenerat fiżikament ir-ras tal-Ġisem Mistiku u l-Knisja tiġġenera spiritwalment lill-membri ta' din ir ras li huwa Kristu." (15) Mela, il-Madonna hi hija Omm il-Knisja tgħaqqad b'xi mod lill-membri kollha ta' dan il-Ġisem Mistiku mar-ras tiegħu li huwa Kristu.

---

(12) Ibid. art. 9.

(13) Enċiklika 'FEDDEJ TAL-BNIEDEM' art. 22.

(14) Ibid. art. 22.

(15) S. Wistin: 'De Sancta Virgine', 2, P.L. 40, 397).

## TOTUS TUUS

Il-motto tal-Papa attwali huwa 'Totus Tuus' b'riferenza għall-Madonna. B'dan il-motto, il-Papa jrid ifisser ighid lill-Madonna: "Jiena kollni kemm jien tiegħek, O Verġni Marija." B'dawn il-kelmiet, li fuqhom il-Papa bena, għadu jibni u jibqa' jibni l-ħajja TIEGĦU BĦALA SAĊERDOT, ISQOF u PAPA, il-Vigarju ta' Kristu fuq din l-art jurina l-orjentazzjoni Marjana tal-ħajja pastorali tiegħu. Dawn il-kelmiet għandna nħarsu lejhom bħal arloġġ li bil-minutieri tiegħu qed jindikalna kontinwament l-indispensabilità li aħna, bħala segwaċi awtentiċi ta' Ġesù Kristu, għandna nfasslu ħajjitna fuq id-dimensjoni penetranti ta' għixien qrib Omm Kristu Ġesù. B'dan il-motto, il-Papa jipproponilna biex aħna nikkonsagraw lilna nfusna lill-Madonna: Ngħixu fil-jasar matern ta' l-imħabba tal-Madonna mingħajr ma nitilfu tikka waħda biss mil-libertà tagħna bħala ndividwi. Il-Papa, għalhekk, b'dan il-motto, mhux iħajjarna biex ngħixu "f'ghetto" mentali li jxekkel il-ħajja tagħna bħala membri tas-soċjetà u lanqas ma hu jurina b'daqshekk li huwa favur min jippreżenta 'l-Kristjaneżmu bħala obskurantiżmu li jwassal lill-bniedem biex jgħaddi ħajtu magħluq ġo torri ta' l-avorju, li jista' jikkonsisti fl-erba' ħitan tal-knisja tal-ġebel, ħalli b'hekk ma jinkwietax bil-problemi veri li qegħdin jifnu lil ċerta popolazzjoni tad-dinja. Iżda b'din il-konsagrazzjoni Marjana, il-Papa qiegħed igħallimna li l-ogħla valur fil-ħajja ma jikkonsistix f'kemm ikollok ħila tiġbor u ġġemma' ġid materjali fid-dinja, imma jikkonsisti f'li ma nħallux lil ruħna tixxeblek fil-'barbed wire' tal-progress xjentifiku u teknoloġiku ta' żmenijietna li qed iwassal lil ċerti bnedmin jaħsbu li Alla huwa 'superfluwu' u żejjed fil-ħajja tagħhom. Il-Papa, għalhekk, bil-motto tiegħu 'Totus Tuus' qed jistedinna biex fl-imitazzjoni awtentika tagħna tal-Virtujiet tal-Madonna, aħna ngħarfu li l-bniedem jikseb tabilħaqq il-vera liberazzjoni tiegħu meta jeħles mit-tnassis tax-xitan u tas-satelliti tiegħu biex igħix f'konformità mal-grazzji kbar li Ġesu Kristu mmeritalna bil-mewt tiegħu ta' fuq is-salib l-għaliex jekk il-mewt tal-ġisem daħlet fid-dinja permezz ta' Siġra fl-Eden, il-ħajja tar-ruħ daħlet mill-ġdid fid-dinja permezz ta' Siġra oħra fuq il-Kalvarju — is-Salib ta' Kristu. Mela, il-konsagrazzjoni tagħna nfusna lill-Madonna, bħalma qed igħixha l-Papa, ifisser it-twettiq tal-programm ta' Binha Ġesù fil-ħajja tagħna ta' kuljum għax Kristu biss jista' jiggarantilna ħelsien fil-veru sens tal-kelma.

U żgur li kien dan il-mottiv li wassal lill-Papa attwali biex meta kien fil-Polonja fl-1979, ikkonsagra lill-Madonna l-Knisja kollha kemm hi filwaqt li qal: "Nikkonsagralek, O Verġni Marija, lill-Knisja kollha kemm hi, kull fejn tinsab ma' l-erbat itruf tad-dinja! Nikkonsagralek l-umanità kollha kemm hi! Nikkonsagralek lill-bnedmin kollha, ħuti! Il-Popli kollha u n-nazzjonijiet kollha! Nikkonsagralek l-Ewropa u l-kontinenti kollha!

O Omm ħanina, aċċetta din il-konsagrazzjoni!

O Omm ħanina, tabbandunaniex!

O Omm ħanina, mexxina dejjem Int!"

Id-duttrina tal-Papa attwali dwar il Madonna hija bil-wisq aktar vasta minn hekk. U żgur li mhux possibbli li f'artiklu bħal dan wieħed jesponi dan it-tagħlim Marjan u jippreżenta b'mod xieraq lill-Verġni Marija fil-Maġisteru tal-Papa Ġwanni Pawlu II. Wieħed irid jagħmel studju teoloġiku fuq bażi xjentifika bil-wisq ogħla minn hekk, imma għandi naħseb li ftit jew wisq din il-kitba tgħin biex wieħed jifhem il-post għoli li tokkupa l-Madonna fil-Maġisteru tal-Papa Ġwanni Pawlu II.

(16) Diskors tal-Papa f'Jasna Gora fis-6-6-1979.



# *Sant' Antnin ta' Padova u l-Madonna*

*Minn*
**M.F.B.**

**Din is-sena, fit-13 ta' Ġunju, jaħbat is-750 sena mill-mewt tal-kbir qaddis tal-mirakli Sant'Antnin ta' Padova, li ħalla dan il-wied tad-dmugħ sewwa sew fit-13 ta' Ġunju, 1231. Jixraq li dan il-perjodiku "Madonna ta' Pinu" jfakkar ukoll din il-ġrajja għaliex lil dan id-Duttur Evanġeliku, l-istorja ssejjaħlu wkoll, u bir-raġun, id-Duttur tal-Madonna.**

## L-ORDNI FRANĠISKAN

Wieħed mill-għanijiet li kellu San Franġisk t'Assisi meta waqqaf l-Ordni tiegħu kien li wliedu l-Patrijiet ifaħħru u jxandru ma' kullimkien il-kobor u l-qdusija ta' Sidtna Marija.

Fiż-żminijiet tiegħu kien hemm id-drawwa li għannejja jiġġerrew minn palazz għall-ieħor, minn kastell għall-ieħor, minn belt għall-oħra, jgħannu u jfaħħru r-rebħiet u l-ħila tal-kavallieri u jgħollu s-sbuħija u l-ġmiel tan-nisa tagħhom. San Franġisk kien jinżillu għasel dan il-għana u dan it-tifħir; u ta' veru qaddis li kien għaraf iqaddsu u jinnobilitah. Għalhekk għaqqad l-Ordni tiegħu u bagħat lill-Patrijiet mad-dinja kollha biex ma' kullimkien ixerrdu u juru lil kulħadd l-imħabba li biha Alla ħabb u jħobb lill-bnedmin kollha: Imħabba li huwa ried jiġborha f'Ibnu Ġesù Kristu u f'Marija Verġni, l-Omm naturali ta' dan Ibnu! San Franġisk ried li wliedu l-Patrijiet jgħannu u jfaħħru l-kobor ta' Sidna Ġesù Kristu u l-ġmiel ta' Ommu Marija.

## L-AQWA GĦANNEJ FRANĠISKAN

Fost il-ħafna għannejja Franġiskani, wieħed mill-aqwa fosthom kien żgur id-devot kbir tal-Madonna, Antonju ta' Padova, hekk li l-istorja ssejjaħlu d-Duttur ta' Marija. Fl-għana tiegħu lill Madonna, Sant'Antnin kien idaħħal ħafna ismijiet, wieħed isbaħ mill-ieħor ismijiet li bihom huwa ried juri u jfisser s-sbuħija, il-kobor u l-qdusija tagħHa. Fost dawn l-ismijiet, l-iżjed li kien iħobb itenni kienu dawn: "Domina mea" jiġifieri "Is-Sinjura tiegħi", u l-ieħor "O gloriosa Domina" li jfisser "Is-Sinjura glorjuża".

## IS-SINJURA TIEGĦI: DOMINA MEA

Għal Sant'Antnin, Sidtna Marija, din ix-xebba umli u fqajra ta' Nazzaret, kienet Sinjura, kienet anzi s-Sinjura singulari, is-Sinjura li m'hawnx oħra bħalha, la fid-dinja u lanqas fis-sema. Għaliex Marija Verġni kienet għal Sant' Antnin is-Sinjura? Għaliex il-qaddis ta' Padova kien jilmaħHa l-Omm ta' Ġesù Kristu, l-omm naturali tal-Iben ta' Alla. Kien għalhekk lil Marija jilmaħHa bħala l-ikbar kreatura quddiem l-Għajnejn ta' Alla, bħalma kien lemaħHa mistagħġeb l-Arkanġlu Gabriel hemm f'Nazzaret, meta dehrilHa u f'isem Alla kien għamlilHa dik it-tislima tal-għaġeb u qalilHa: "Is-sliem għalik, mimlija bil-grazzja; is-Sinjur miegħek; imbierka inti fost in-nisa." (Lq. 1, 28).

LemaħHa għalhekk Antonju bħala s-Sinjura t'Alla, il-mimlija bil-grazzja, imfawra b'kull privileġġ, b'kull karizma, bid-doni kollha.

Sant'Antnin lil Sidtna Marija lemaħHa bħala s-Sinjura mdawra bid-driegħ t'Alla: "il-Mulej miegħek." LemaħHa lill-Verġni Marija bħala s-Sinjura l-iżjed maħbuba u l-iżjed setgħana fost il-kreaturi kollha, fost in-nisa kollha: "Imbierka inti fost in-nisa".

"Domina mea"! Hija s-Sinjura Marija! U ta' min hija s-Sinjura? Ta' kollox u ta' kulħadd; b'mod speċjali hija s-Sinjura tiegħu; is-Sinjura tiegħu kollu kemm hu; hija għalhekk is-Sinjura ta' moħħu, ta' qalbu, ta' għamilu. Hija s-Sinjura li tfassal il-ħsibijiet tiegħu, is-Sinjura li tqanqal u tħeġġeġ ix-xewqat tiegħu; is-Sinjura li tagħġen u ssawwar għamilu. Għalhekk la hija s-Sinjura tiegħu, Antonju huwa l-qaddej fidil u umli tagħHa: ma jixtieqx jekk mhux dak li tixtieq Hi; ma jridx ħlief dak li trid Hi; u ma jagħmilx ħlief dak li jogħġob lilHa!

## O GLORIOSA DOMINA: SINJURA L-IŻJED GLORJUŻA

Jekk fl-ewwel isem "Domina Mea" Sant'Antnin kien donnu jilmaħ l-ewwel privileġġ tal-Verġni Marija, il-privileġġ tat-tnissil tagħHa bla tebgħa tad-dnub oriġinali, f'dan it-tieni isem: "O Gloriosa Domina", huwa jilmaħ il-ġabra u l-għaqda tal-privileġġi u tal-merti kollha tagħHa. Jekk fl-ewwel isem "Sinjura tiegħi" il-qaddis ta' Padova kien jilmaħ lill-Immakulata, fit-tieni isem, kien jilmaħ l-Assunta. Jekk fl-ewwel isem "Sinjura tiegħi" Sant'Antnin kien jilmaħ lil Sidtna Marija bħala s-Sinjura tiegħu, is-Sinjura tad-dinja, tal-bnedmin kollha, fit-tieni isem "Sinjura Glorjuża" kien jilmaħHa bħala s-Sinjura tas-Sema, is-Sinjura tal-Ġenna, is-Sinjura ta' l-Anġli u tal-qaddisin kollha. "Sinjura l-iżjed glorjuża" hija l-Madonna għal Antonju. Għaliex? Għax huwa kien jilmaħHa bħala r-rebbieħa, ir-rebbieħa fuq id-demonju, ir-rebbieħa tad-dnub, ir-rebbieħa tal-mewt, ir-rebbieħa fuq iż-żmien.

Jalla t-tifkira tas-750 sena mill-mewt tal-Qaddis ta' Padova tqanqal fina l-imħabba li kellu hu għall-Madonna u aħna wkoll bħalu lil Sidtna Marija nżommuHa bħala s-Sinjura tal-moħħ, tal-qalb u tal-għemil tagħna; fuq l-eżempju tal-kbir Tawmaturgu nfittxu li nfaħħruHa matul ħajjitna kollha biex insibuHa ta' għajnuna fil-mewt tagħna.

---

*Il-grazzja, mhux anqas min-natura, għandha s-sentimenti u l-ġibdiet tagħha. Għandha l-imħabba, iż-żelu, it-tamiet il-ferħ, in-niket tagħha. Issa dawk is-sentimenti tal-grazzja dejjem instabu fil-milja tagħhom f'Sidtna Marija li għexet aktar bil-ħajja tal-grazzja milli b'dik tan-natura. Il-kotra l-kbira tal-fidili aktarx huma fl-istat tal-grazzja milli fil-ħajja tal-grazzja. Il-Verġni Mqaddsa, għal kollox differenti minnhom, kienet dejjem fil-grazzja u – aktar minn hekk – fil-ħajja tal-grazzja, matul ħajjitha kollha fuq din l-art.*

*(Gibieuf: Il-Verġni Addolorata taħt is-Salib).*



# Is-Santwarju Ta' Pinu Gheluq il-50 SENA Mill-Konsagrazzjoni

Fit-13 ta' Diċembru, 1981, is-Santwarju Ta' Pinu jagħlaq 50 sena minn meta ġie kkonsagrat mill-E.T. Mons. Isqof Mikiel Gonzi, dak inhar Isqof ta' Għawdex.

Biex jiġi mfakkar dan l-avveniment storiku, inħatar kumitat biex jorganizza festi speċjali li jiftħu f'Ġunju u jilħqu l-qofol tagħhom fit-13 ta' Diċembru li ġej.

Il-programm ta' dawn il-festi kommemorattivi jinkludi attivitajiet għat-tfal u għaż-żgħażagħ, għall-morda u għall-anzjani, għall-familja, għar-reliġjużi, għall-inkapaċitati, eċċ. Ser issir ukoll Akkademja Mużiko-Letterarja. Għal din l-okkażjoni wkoll, iċ-Ċentru Kulturali Marjan tas-Santwarju Ta' Pinu ser iniedi wkoll Konkors ta' Novelli dwar il-Madonna.

Biex il-poplu jiġi sensibilizzat u biex tikber aktar fih id-devozzjoni lejn il-Madonna u lejn is-Santwarju għażiż tagħHa, minn nhar it-Tnejn, 31 ta' Awissu sa nhar il-Ħadd, 6 ta' Diċembru, ser tinżamm għal żmien ġimgħa fil-parroċċi kollha ta' Għawdex il-Bandalora tal-Madonna ta' Pinu. Matul iż-żmien li l-Bandalora tal-Madonna tkun fil-parroċċi, din għandha tkun imżejna bil-fjuri u x-xama'. Isiru wkoll xi talb, speċjali, xi purċissjoni, jew korteo bl-istess Bandalora, xi Velja Bibblika Marjana, eċċ.

Fl-aħħar ħmistax il-ġurnata, qabel Jum il-Konsagrazzjoni, isiru pellegrinaġġi mill-parroċċi kollha ta' Għawdex.

Il-Festi Ċinkwantenarji Jagħlqu nhar il-Ħadd, 13 ta' Diċembru, b'ċelebrazzjonijiet speċjali tal-okkażjoni

**KUMITAT ORGANIZZATTIV TAL-FESTI ĊINKWANTENARJI TAL-KONSAGRAZZJONI TAS-SANTWARJU BAŻILIKA TA' PINU**

President: L-E.T. Mons. Isqof Nikol G. Cauchi.
Viċi-President: Mons. Beneditt Camilleri.
Segretarju: Dun Karm Borg.
Teżorier: Is-Sur Ġorġ Farrugia.
Membri: Kan. Dun Mikiel Cauchi. Miss Maria Zerafa.
Miss Carmen Buhagiar. Mr. Joseph Refalo.
Mr. Alexander Tabone.

# Kliem Profetiku tal-Papa Piju XII....



It-taqbida għadha fl-aqwa tagħha; il-ġlieda tagħkom "m'hijiex kontra d-demm u l-laħam, imma kontra s-Setgħat, kontra l-Qawwiet, kontra l-Prinċpijiet ta' din id-dinja ta' dlamijiet, kontra l-ispirti ħżiena li jgħammru fil-wisa' tas-smewwiet." (6. 12).

Għadkom tħossu fuqkom il-ħbit qawwi tal-għadu. Iżda intom qegħdin taħt il-ħarsien tal-Omma tal-Ħniena; rahan ta' rebħa żgura u t-tama tagħkom ma tistax tisfa mqarrqa.

Il-Verġni setgħana u rebbieħa fuq il-qawwiet ta' l-infern,iġġibilkom rebħiet kbar u tħarsilkom bla mittiefes it-teżor prezzjuż tal-fidi, li intom irċivejtu minn għand missirijietkom. Hija l-Verġni li jistħoqqilha kull tifħir, li intom f'wieħed mill-innijiet tagħkom tgħannulha: "Inti tal-biża' għall-għedewwa, bħall-eżerċtu mhejji għat-taqtiegħa. Kun Inti l-kenn u l-port tas-salvazzjoni għall-insara."

Bir-raġun kollu, il-Polonja, pajjiż nobbli, għandha tafda fil-ħarsjen żgur ta' Marija u fiha tqiegħed it-tama ta' ġejjieni aħjar, sabiex tkunu tistgħu hekk imqawwija u msaħħa, "tfaħħru isem il-Mulej, u ma jingħalaq qatt il-fomm ta' dawk li jgħannu t-tifħir Tiegħu." (Ester 13. 17).

*(Mill-Ittra lill-Episkopat Pollakk tal-1 ta' Settembru, 1951, Ara "Isegnamenti Pontifici" vol. 7. "Maria S.S." n. 546.)*

## ....dwar il-Polonja



# THEJJIJA GHAC-CENTINARJU TAD-DEHRA

***Conferenza Episcopale,***
***Malta.***
***31 gennaio, 1981.***

Beatissimo Padre,

Ricorrendo nel 1983 il primo centenario del santuario mariano "Ta' Pinu", conscii dell'utilità pastorale dei Congressi Mariologici e Mariani internazionali, abbiamo pensato che sarebbe una buona occasione per celebrare il prossimo Congresso Mariologico-Mariano nella provincia ecclesiastica maltese.

Il Congresso sarà certamente un'occasione veramente propizia per rinsaldare la fede cattolica nel popolo di Dio e per intensificare la devozione verso la santissima Madre di Dio, oltre che promuovere un colloquio ecumenico sul culto mariano.

Ci siamo messi in contatto con la Pontificia Accademia Mariana internazionale, che ha l'incarico dalla S. Sede di organizzare questi congressi mariologici-mariani, e dopo un sopraluogo a Malta, ci ha assicurato che la provincia maltese ha tutti i requisiti necessari per un tale Congresso.

Pertanto noi, vescovi di Malta e di Gozo, supplichiamo la Santità Vostra degnarsi designare ufficialmente la città della Valletta, capoluogo dell'isola di Malta e il santuario mariano "ta Pinu" nell'isola di Gozo come sedi del IX Congresso Mariologico internazionale e del XVI Congresso Mariano Internazionale che si terrano nel mese di settembre dell'anno 1983.

Et Deus....

Arcivescovo di Malta

Vescovo di Gozo

# Traduzzjoni tal-Ittra mibgħuta mill-Konferenza Episkopali Maltija lill-Qdusija Tiegħu l-Papa Ġwanni Pawlu II

***Konferenza Episkopali***
***Malta.***
***31 ta' Jannar, 1981.***

Missier l-Aktar Qaddis

Billi fl-1983 jaħbat l-Ewwel Ċentinarju tas-Santwarju Marjan "Ta' Pinu", u billi nafu bil-ġid pastorali li jħallu l-Kungressi Marjoloġiċi u Marjani Internazzjonali, ħsibna li tkun okkażjoni tajba li niċċelebraw il-Kungress Marjoloġiku-Marjan li jmiss, fil-Provinċja Ekkleżjastika Maltija.

Hija ħaġa ċerta li l-Kungress ikun okkażjoni f'waqtha biex tissaħħaħ il-fidi kattolika fil-poplu t'Alla u tiżdied id-devozzjoni lejn l-Omm Qaddisa t'Alla, waqt li jinfetaħ djalogu ekumeniku dwar il-kult Marjan.

Aħna għamilna kuntatt ma' l-Akkademja Pontifiċja Marjana Internazzjonali, li għandha l-inkarigu mis-Santa Sede li torganizza dawn il-kungressi marjoloġiċi, u wara żjara f'Malta, assigurawna li l-Provinċja Maltija għandha l-ħtiġijiet kollha mitluba għall-kungressi ta' din ix-xorta.

Għaldaqstant, aħna, l-Isqfijiet ta' Malta u Għawdex, nitolbu lill-Qdusija Tiegħek tiddikjara uffiċċjalment il-Belt Valletta, li hija l-Belt Kapitali ta' Malta, u s-Santwarju Marjan "Ta' Pinu" fil-Gżira Għawdxija, bħala sedi tad-9 Kungress Marjoloġiku Internazzjonali, u tas-16 il-Kungress Marjan Internazzjonali li se jsiru fix-xahar ta' Settembru ta' l-1983.

Ġużeppi Mercieca,
Arċisqof ta' Malta.

Nikol G. Cauchi,
Isqof ta' Għawdex.

# FESTI MARJANI FIL-KALENDARJU LITURGIKU MATUL IZ-ZMENIJIET (5)

MILL-KAN. PREP. DUN SALV CAMILLERI




## FESTA TAL-MADONNA TAS-SOKKORS

Xbiha tal-Madonna pittura ta' stil Bizàntin ittieħdet fl-1499 mill-gżira ta' Creta lejn Ruma. Igħidu li kienet misruqa minn hemm minn wieħed merkant u li meta wasal Ruma ġraw diversi inċidenti u rivelazzjonijiet mill-istess Verġni Mqaddsa Marija u għalhekk il-merkant fl-aħħar taha lill-Knisja ta' San Mattew li kienu jservu fiha l-Patrijiet eremiti ta' Santu Wistin. Il-qima lejha kibret ħafna u xterdet u damet għal madwar 300 sena. Fl-1798 il-Franċiżi, bi kmand ta' Napuljun Bonaparti, daħlu Ruma u ħadu lill-Papa Piju VI fl-eżilju. F'dak iż-żmien, biex jissaħħu l-qawwiet tal-belt, xi 30 knisja ġew imwaqqa', fosthom dik ta' San Mattew, u l-pittura famuża u għażiża tal-Madonna tas-Sokkors inħbiet mill-patrijiet u kważi ntesiet għal kollox. Fl-1862, wara sensiela ta' ġrajjiet tal-għaġeb, reġgħet ħarġet għad-dawl u tpoġġiet fil-knisja ġdida tar-Redentoristi ta' Sant' Alfonsu, bl-akbar ġieħ u solennità mill-Papa Piju IX. Kien instab b'kumbinazzjoni li din il-knisja ġdida kienet inbniet fuq il-fdalijiet tal-knisja minsija u qadima ta' San Mattew Appostlu, fejn ix-xbieha tal-Madonna tas-Sokkors kienet darba meqjuma. Diversi mirakli saru u x-xbieha reġgħet tpoġġiet f'postha b'festi speċjali, u ħafna favuri ġew mogħtija mill-Madonna meqjuma f'dak it-tempju minn dak inhar 'il quddiem. Il-Papa Piju IX kien ta l-permess lil dawk li talbuh biex jagħmlu l-festa tagħha fid-djoċesi jew knejjes tagħhom nhar il-Ħadd ta' qabel l-24 ta' Ġunju. Kien għażel ukoll lill-Patrijarka tar-rit Latin f'Konstantinopli biex jinkuruna solennement ix-xbieha ta' dil-Madonna bil-permess tal-Kapitlu tal-Vatikan. Dan sar billi x-xbiha ta' dil-Madonna taħt it-titlu tas-Sokkors hija meqjuma ħafna mill-griegi (xiżmatiċi) mifrudin mill-Knisja Kattolika.

Wara l-1913, il-festa tagħha bdiet issir fis-27 ta' Ġunju, l-iktar minn xi reliġjużi, u l-iktar fosthom il-Kongregazzjoni tar-Redentoristi u xi djoċesijiet ta' l-Amerika ta' Fuq.

Fil-Quddiesa tingħad din it-talba: Mulej Ġesù Kristu, int li tajtna bħala omm dejjem lesta biex tgħinna l-Omm tiegħek Marija: agħtina nitolbuk li aħna nsejħu dejjem l-għajnuna tagħha ta' Omm u jistħoqqilna naqilgħu dejjem il-frott tal-fidwa tiegħek. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. Amen.

# *L-Angelus f'Nazzaret*



**Is-sliem għalik Marija,**
**bil-grazzja mimlija,**
**il-Mulej miegħek.**
**Lq. 1, 28**

Smajthom,
'Mma leħinhom,
kien wisq sabiħ.
Stħajjiltu leħen Gabriel
ilissen mill-ġdid,
dawk is-sbieħ kelmiet,
kif fis-skiet ta' din id-dwejra
mar darba jtenni.
Ma stajtx ma nħossx f'qalbi,
il-hena tas-sema,
kif tfaċċat quddiem għajnejja,
l-għamara,
fejn ix-xebba tax-xebbiet,
tgħarrset u saret l Omm
ta' Dak
li ħalaq is-smewwiet.
Inġbart għal ftit mumenti
u għidt f'qalbi
waħda mill-isbaħ talbiet.

**JULIAN REFALO RAPA.**



# Appostlu tar-Rużarju fi Żmienna

*Minn*
**S.A.C.**

Fil-ħmistax-il sena u ftit ġranet li għamel bħala Papa, il-Papa Pawlu VI għex il-ħajja tipikament marjana sew fil-għemil kemm ukoll fil-kliem tiegħu. F'Marija, Hu kien jara l-virtujiet kollha li bihom kien żejjinha l-Kbir Alla. Kien jieħu gost jgħaddihom lill-insara tal-Knisja kollha. Kien ipoġġi lill-Madonna bħala dik il-Mara eċċezzjonali li kienet qegħda tieħu ħsieb il-Knisja Mqaddsa. Kienet dik il-Ħlejqa li permezz tagħha, il-bniedem għajjien u mtaqqal mill-ħajja ta' żmienna, kien isib il-mistrieħ tiegħu. F'din is-silta, ma għandix l-intenzjoni li nitkellem fuq id-dokument importanti marjan, l-Enċiklika "Marialis Cultus" li xegħlet id-dinja kollha bl-imħabba sinċiera lejn Marija, imma rrid nillimita ruħi biss għal xi talbiet li f'diversi drabi, il-Qdusija Tiegħu kien għamel lil dik l-Omm t'Alla u tagħna l-bnedmin.

### *10 ta' Mejju, 1964*

Miġbur flimkien mat-tfal fi kruċjata tar-Rużarju, il-Q.T. wara li fisser l-iskola ta' talb li huwa r-Rużarju, tahom tagħlim tassew interessanti biex jistgħu jikkonċentraw ruħhom fuq din it-talba qaddisa u għażiża għall-qalb ta' Marija. Kien f'din l-okkażjoni li ta definizzjoni ġdida u siewja ta' din it-talba marjana. Huwa qalilhom li r-Rużarju huwa talba li tedukana għat-tjieba nisranija għax fis-sempliċità tagħha turina kobor immens ta' misteri profondi. Qabel ma għalaq id-diskors tiegħu, fil-waqt li ħeġġiġhom biex igħidu kuljum u bid-devozzjoni r-Rużarju ta' Marija, tahom tliet intenzjonijiet speċjali u qalilhom: "Fir-Rużarju tagħkom mhux biss titolbu għall-Papa, imma wkoll għall-Konċilju, titolbu għall-għaqda ta' l-insara, titolbu għall-paċi fost kulħadd."

### *8 ta' Ottubru, 1969*

F'udjenza ġenerali fi Pjazza San Pietru, meta tkellem fuq l-imħabba li għandu jkollu n-nisrani lejn Marija, waqt li reġa' nsista fuq ir-reċita tar-Rużarju, qal li din it-talba hija "djalogu" bejn l-Omm ta' Kristu u l-bniedem. Huwa f'din it-talba li l-bniedem jagħraf l-avviċinament lejn l-omm tiegħu tas-sema. Huwa f'din it-talba li

l-bniedem jitkellem u jisma', jieħu tweġiba għat-talba tiegħu. Huwa f'din it-talba li l-qlub ta' Marija u l-qalb tal-bniedem jersqu lejn xulxin biex jitgħaxxqu flimkien. Marija hija l-Omm li tgħin, il-bniedem huwa l-ħlejqa li trid l-għajnuna. "J'Alla l-Madonna tikkonferma dawn ix-xewqat sbieħ tagħna u tressaqhom quddiem Binha Ġesù.

### *1 ta' Ottubru, 1972*

Waqt it-talba ta' l-Angelus, billi kien l-ewwel jum tax-xahar iddedikat lill-Madonna tar-Rużarju ħass li għandu, għal darb'oħra, jinsisti fuq din it-talba sabiħa. Kien f'din l-okkażjoni meta huwa sejjaħ ir-Rużarju bħal "Kuruna ta' fjuri sbieħ li żżejjen ras Marija u timla bil-ferħ lil kull min ipoġġihielHa". Fid-diskors qasir tiegħu, Huwa nsista fuq ir-reċita tar-Rużarju fil-familji, fil-komunitajiet, fost l-għaqdiet reliġjużi kollha biex.... "inqimu tassew lil Marija u biex aktar inkunu nsara awtentiċi....biex nibnu l-ħajja tagħna fuq l-eżempji umanitarji u sublimi ta' Marija....biex nitolbuHa l-għajnuna meħtieġa li tant għandna bżonn f'dan id-dramm storiku li minnu għaddejja d-dinja ta' żmienna."

### *5 ta' Ottubru, 1975*

Qabel ma beda jirreċita l-Angelus bħassoltu, ta l-messaġġ tiegħu lid-dinja kollha u għal darb'oħra reġa' nsista fuq ir-Rużarju, u fil-waqt li għamel tiegħu l-messaġġ li kien bagħat il-Vigarju ta' Ruma lill-Kleru u lill-Fidili tal-Belt, kompla jgħid: "Dan qegħdin ngħiduh għax inħossu bżonn kbir tat-talb....biex jiġi stabilit l-ordni fl-erwieħ. Illum qegħdin f'ħajja moderna, b'ħafna distrazzjonijiet....il-progress, xi kultant jaħdem kontra tagħna....jiġbidna warajh....jingannana biex inħarsu iktar lejn l-iżvilupp tal-ħajja tagħna u hekk nehdew fil-ħwejjeġ materjali....nibdew ngħixu barra minna nfusna u ma jkollniex żmien nitkellmu mal-kuxjenza tagħna biex naraw ir-realtà tal-ħajja nisranija." Kien f'din l-okkażjoni wkoll li fil-waqt li kkundanna l-ħajja mtajra ta' bosta żgħażagħ, il-ħsara kbira fl-ekonomija, l-inċertezzi tar-relazzjonijiet internazzjonali, "li qegħdin iġagħlu lill-bniedem, kważi jaqta' qalbu....għandna bżonn ta' kurrent ġdid ta' għerf sopranaturali u mħabba li ġejja verament mill-qalb. Għal dan il-għan, hemm bżonn nitolbu, nitolbu aktar....u nerġgħu nirrepetu, Marija tkun l-għalliema tagħna u għajnuna siewja fit-talba dgħajfa tagħna."

Ma' dawn il-ftit tifkiriet nistgħu nżidu dawk il-bosta drabi li fihom kien Hu stess igħid ir-Rużarju Mqaddes flimkien ma' gruppi diversi u f'okkażjonijiet differenti.

**PROGRAMM TAL-FESTI SOLENNI FL-OKKAŻJONI TA' L-ANNIVERSARJU TA' META MARIJA ASSUNTA TKELLMET MIX-XBIEHA MIRAKULUŻA TAS-SANTWARJU TA' PINU**

**Il-Ħadd, 21 ta' Ġunju, 1981: Lejlet Jum id-Dehra tal-Madonna ta' Pinu.** Fil-4.45 p.m. Translazzjoni Solenni tar-Relikwija mill-E.T. Mons. Nikol Ġ. Cauchi, Isqof ta' Għawdex. Jieħu sehem il-Kapitlu tal-Kolleġġjata tal-Għarb. Fil-5.00 p.m. Quddiesa Kantata bl-omelija mill-Kan. Dun Ġużepp Grech. Ikanta l-Kor tas-Seminaristi taħt id-Direzzjoni ta' Mro. Kan. Martin Portelli.

**It-Tnejn, 22 ta' Ġunju, 1981: Jum id-Dehra.** Mill-4.30 a.m. sat-8.00 a.m., il-quddies ikun kull nofs siegħa. Fid-9.00 a.m. Quddiesa Pontifikali mill-E.T. Mons. Isqof Nikol G. Cauchi bl-omelija dwar "Il-Qima lejn il-Madonna". Wara Supplika, Te Deum, u Ċelebrazzjoni Ewkaristika. Ikanta l-Kor tas-Seminaristi taħt id-direzzjoni ta' Mro. Kan. Martin Portelli. Fit-8.00 p.m. Konċelebrazzjoni li titmexxa mill-E.T. Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi u għaliha huma mistiedna s-saċerdoti kollha tad-djoċesi. Wara ssir Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

# The Blessed Virgin Compared To The Air We Breathe

By ***Gerald Manley Hopkins*** *(1844 - 1889)*

*An English poet. In 1866 he became a Catholic and joined the Jesuit Fathers*

Wild air, world-mothering air,
Nestling me everywhere,
That each eyelash or hair
Girdles; goes home betwixt
The fleeciest, frailest-flixed
Snowflake; that's fairly mixed
With, riddles, and is rife
In every least thing's life;
This needful, never spent,
And nursing element;
My more than meat and drink,
My meal at every wink;
This air, which, by life's law,
My lung must draw and draw
Now but to breathe its praise,
Minds me in many ways
Of her who not only
Gave God's infinity
Dwindled to infancy
Welcome in womb and breast,
Birth, milk, and all the rest
But mothers each new grace
That does now reach our race —
Mary Immaculate,
Merely a woman, yet
Whose presence, power is
Great as no goddess's
Was deemed, dreamed; who
This one work has to do —
Let all God's glory through,
God's glory which would go
Through her and from her flow
Off, and no way but so.
I say that we are wound
With mercy round and round
As if with air; the same
Is Mary, more by name.
She, wild web, wondrous robe,
Mantles the guilty globe,
Since God has let dispense
Her prayers his providence:
Nay, more than almoner,
The sweet alms' self is her
And men are meant to share
Her life as life does air.
If I have understood,
She holds high motherhood
Towards all our ghostly good
And plays in grace her part
About man's beating heart,
Laying, like air's fine flood
The deathdance in his blood;
Yet no part but what will
Be Christ our Saviour still.

Of her flesh he took flesh:
He does take fresh and fresh,
Though much the mystery how,
Not flesh but spirit now
And makes, O marvellous!
New Nazareths in us,
Where she shall yet conceive
Him, morning, noon, and eve;
New Bethlems, and he born
There, evening, noon, and morn —
Bethlem or Nazareth,
Men here may draw like breath

More Christ and baffle death;
Who, born so, comes to be
New self and nobler me
In each one and each one
More makes, when all is done,
Both God's and Mary's Son.
Again, look overhead
How air is azured;
O how! nay but do stand
Where you can lift your hand
Skywards: rich, rich it laps
Round the four fingergaps.
Yet such a sapphire shot —
Charged, steeped sky will not
Stain light. Yea, mark you this:
It does no prejudice.
The glass-blue days are those
When every color glows,
Each shape and shadow shows.
Blue be it: this blue heaven
The seven or seven times seven
Hued sunbeam will transmit
Perfect, not alter it.
Or if there does some soft,
On things aloof, aloft,
Bloom breathe, that one breathe more
Earth is the fairer for.
Whereas did earth not make
This bath of blue and slake
His fire, the sun would shake,
A blear and blinding ball
With blackness bound, and all
The thick stars round him roll
Flashing like flecks of coal,
Quartz-fret, or sparks of salt,
In grimy, vasty vault.
So God was god of old:
A mother came to mold
Those limbs like ours which are
What must make our daystar
Much dearer to mankind;
Whose glory bare would blind
Or less than win man's mind.

Through her we may see him
Made sweeter, not made dim,
And her hand leaves his light
Sifted to suit our sight.
Be thou then, O thou dear
Mother, my atmosphere;
My happier world, wherein
To wend and meet no sin;
Above me, round me lie
Fronting my froward eye
With sweet and scarless sky;
Stir in my ears, speak there
Of God's love, O live air,
Of patience, penance, prayer:
World-mothering air, air wild,
Wound with thee, in thee isled,
Fold home, fast fold thy child.

*L-imħabba tal-Kattoliċi lejn l-Omm t'Alla, li ma toqgħodx titkixxef x'kienu l-irqaqat tal-ħajja f'Nazaret, turi b'hekk sens artistiku ta' min ifaħħru. Aħna nafu li f'Nazaret hemm ħajja li l-bniedem mhux biss ma jistax igħixha, iżda bil-kemm jista' jifhimha. Jinsab hawn xi ħadd fuq l-art li għandu ħila jpinġi dawk iż-żewġ ħajjiet ta' qawwa ogħla minn tal-bnedmin li jsibu f'dik l-istess qawwa tagħhom għaqda l-aktar sħiħa taċ-ċaqliq, imħabba, aspirazzjoni kollha tagħhom? Ħalli nħares mill-quċċata tal-għolja għal fuq Nazzaret lejn mara bil-ġarra tistrieħ fuq rasha, b'tifel ta' ħmistax-il sena maġenbha, nieżla lejn il-bir. Jiena naf li bejn it-tnejn hemm imħabba li bħalha ma nsibux fost l-ispirti quddiem it-tron t'Alla. Iżda naf ukoll li jien m'għandix dritt nara aktar, li ma mmutx bl-istagħġib.*

*(Vonier: Il-Maternità Divina).*

# HAIL MARY!



O Mary, thou it is who grantest freedom (redemption) to captives, health to the sick, consolation to the afflicted, and pardon to sinners.

**(St. Bernard).**

**Mary ever prays and implores earnestly the King, her Son, for the salvation of the faithful whose souls are weighed down by the weight of their sins.**

**(Sixtus IV).**

*The sinner far from being cursed, though he may have gone astray from God, if he invokes Mary, will return to the Lord to obtain from Him, mercy.*

**(St. Bridget).**

By Mary God has descended on earth; by her do men merit to go to Heaven.

**(St. Augustine).**

**O Holy Mary, every sinner who goes astray from thee and whom thou forsakest must of necessity perish. Every sinner, on the contrary, who has recourse to thee and on whom thou turnest thine eyes of mercy shall be saved.**

**(St. Anselm).**

*Upon these two titles, Mary the Mother of God and Mary the Mother of mankind, the whole practice of the Catholic's devotion to the Blessed Virgin Mary is built.*

**(Archbp. Goodier).**

The devout Virgin loads all men with her benefits; she opens to all the treasures of her mercy; all receive of her abundance.

**(St. Bernard).**

# WARDA LIL MADONNA

KULL ABBONAMENT HUWA WARDA LIL MADONNA.

AKTAR ABBONAMENTI: AKTAR WARD LIL MADONNA.

L-ABBONAMENTI HUMA TURIJA TA' QIMA LIL MADONNA.



**Iġbor Abbonati**

**Għar-Rivista**

**"Madonna ta' Pinu"**

- XERRED DEJJEM L-ISTAMPA T-TAJBA
- ĦAJJAR LILL-OĦRAJN JAQRAW LETTERATURA MARJANA.

N.B. Tingħata tifkira tal-Madonna ta' Pinu lil min jibgħatilna aktar minn żewġ abbonamenti ġodda.

Ibgħat l-indirizzi ta' l-abbonati l-ġodda lil:

Amministratur,
"Madonna Ta' Pinu",
Ċentru Kulturali Marjan,
Ta' Pinu — Għawdex.



IS-SANTWARJU TA' PINU MIBNI WARA LI L-MADONNA KELLMET LIL KARMNI GRIMA.

*"Il-Verġni Marija li mit-tħabbira tal-Anġlu laqgħet f'qalbha u f'ġisimha l-Verb t'Alla u ġabet il-ħajja lid-dinja, hi magħrufa u unurata bħala vera omm ta' Alla u tar-Redentur. Hi stess meħlusa b'mod sublimi, in vista tal-merti ta' Binha u Miegħu marbuta minn rabta iebsa li ma tinħallx, hi mgħonija b'uffiċċju l-aktar għoli u bid-dinjità ta' Omm tal-Iben t'Alla, u għalhekk bint maħbuba tal-Missier u tempju tal-Ispirtu s-Santu: u li minħabba dan id-don tal-grazzja l-aktar għolja tisboq b'mod kbir lill-kreaturi l-oħra kollha fis-sema u fl-art. Hi madanakollu marbuta flimkien mar-razza ta'Adam mal-bnedmin kollha fi ħtieġa tal-fidwa, anzi hi "tassew omm tal-membri (ta' Kristu)....għaliex ikkooperat bl-imħabba għat-twelid tal-fidili tal-Knisja, li ta' dak ir-Ras huma membri". Għal dan hi magħrufa wkoll bħala l-membru singulari u ewlenija tal-Knisja u figura tagħha u mudell l-aktar perfett ta' fidi u ta' karità, u l-Knisja Kattolika, mgħallma mill-Ispirtu s-Santu bl-imħabba ta' pietà ta' bint tivveneraha bħala Omm l-aktar maħbuba".*

*(Mill-Kostituzzjoni Dommatika "Lumen Gentium")*